# Madonna Ta' Pinu

Sena XXXII Vol XII Nru. 157
April - Ġunju 2011



## *L-Antifona 'Regina Coeli'*

Rivista maħruġa mis-Santwarju Ta' Pinu - Għawdex

**Madonna Ta' Pinu**
Perjodiku ta' kull tliet xhur

**Sena XXXII Vol XII Nru. 157**
**April - Ġunju 2011**

**Bord Editorjali:** Dun Gerard Buhagiar (*Editur*), Dun Mikiel Galea, Francesco Pio Attard, Ivan Attard, Edward Depasquale.
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali*

**Kull korrispondenza għandha tintbagħat hekk:**
*L-Editur, "Madonna ta' Pinu"*
*Ċentru Kulturali Marjan, Ta' Pinu, Għarb*
*Gozo GRB 1704, MALTA.*
*Tel: 2155 6187 Fax: 2156 2350*
*E-mail: tapinupublications@tapinu.org*

**Abbonament għas-sena 2011:**

| | |
|---|---|
| *Lokali* | € 6.00 |
| *Ewropa* | € 14.00 |
| *Barra mill-Ewropa* | € 18.00 |
| *Sostenitur* | Offerta Libera |

**Tinsiex iġġedded l-Abbonament għas-sena 2011**



**Ritratti tal-Qoxra**
***Quddiem:*** *Dottal, It-Tieġ ta' Kana*
M. Rupnik, Bażilika Tar-Rużarju, Lourdes -

***Wara:*** Ritratt tal-Koppla tas-Santwarju

***Ritratti***
*Arkivju Rit. Santwarju Ta' Pinu, Daniel Cilia, Gerard Buhagiar, DOI, John Cordina, Max Xuereb.*

**stampar:** jdbprinting - tel: 2155 2219

© Copyright Ta' Pinu Publications 2011
*L-ebda parti minn artiklu jew ritratt, li jidhru fuq din ir-rivista ma jistgħu jiġu ppubblikati mingħajr il-permess bil-miktub tal-Bord Editorjali.*

# F'din il-Ħarġa...

**1** Il-Kelma tar-Rettur *Ifraħ u thenna...*

**3** Il-Verġni Mqaddsa Marija, fil-Qawmien ta' Kristu mill-Imwiet

**5** Taf x'Qed Titlob: *Riflessjoni fuq it-talba 'Regina Coeli'*

**7** Sena ilu... fid-diskors tar-Regina Coeli, il-Papa Benedittu XVI qalilna...

**8** Il-Fwieħa ta' Kristu

**10** Xogħol ta' konservazzjoni fuq il-pitturi ta' Ġużeppi Briffa

**14** L-Antifona tar-Regina Coeli

**16** Skola Marjana

**19** Forsi anki l-Madonna tista' tirreċitalek ir-Regina Coeli

**21** Marija fil-Mużika

**24** Il-Kelma tal-Papa

**26** English Corner *Regina Coeli Laetare, alleluia*

**28** Iż-Żjara ta' l-Isqof Bonello fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu

**30** Talba ta' Affidament tal-Isqof Joe Bonello, ofm

**32** Mill-Ħajja tas-Santwarju

**37** L-Għanja tal-Qaddejja It 12-il parti

**39** Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema...

**40** Preżentazzjonijiet tat-Tfal

## *Intenzjoni ta' din il-Ħarġa*



**Inpoġġu lis-seba' saċerdoti ġodda taħt il-ħarsa materna tal-Madonna Ta' Pinu**




# Ifraħ u thenna...



F'din il-ħarġa qegħdin nitfgħu l-ħarsa tagħna fuq antifona oħra tassew sabiħa: l-antifona ta' żmien il-Għid, ir-*Regina Cœli*. Jekk niflu tajjeb il-kliem ta' din it-talba Marjana nindunaw li hija stedina għall-ferħ veru. Hi talba li fiha jidwu l-kelmiet tal-anġlu ħdejn il-qabar vojt ta' Kristu lin-nisa li marru biex jidilku l-ġisem mejjet ta' Ġesù: "Tibżgħu xejn intom għax jiena naf li qegħdin tfittxu lil Ġesù li kien imsallab. Mhuwiex hawn, għaliex qam, kif kien qal. Ejjew araw il-post fejn kien qiegħed. U morru malajr għidu lid-dixxipli tiegħu li hu qam mill-imwiet'' (Mt 28:5-7).

Veru li l kliem ta' din it talba huwa indirizzat lill Verġni Marija, iżda jekk nirriflettu ftit, dan il-kliem huwa indirizzat lilna wkoll. Għaliex? Ilkoll nafu li l-Verġni Marija hija l-Mara tal-Fidi, u jekk fil-mument tal-prova, tal-Passjoni ta' Ġesù, id-dixxipli tiegħu kollha telqu u ħarbu, Marija baqgħet hemm taqsam ma' Binha t-tbatija tiegħu għall-fidwa ta' kull bniedem. Mhux biss, iżda Marija hija l-mara hienja, mara mimlija bil-ferħ u bit-tama, għaliex kif tistqarr Eliżabetta, hija emmnet kull ma qalilha l-Mulej (ara Lq 1:45). Iva, Marija emmnet il-kliem ta' Ġesù li wara tlitt ijiem huwa jerġa' jqum, anzi l-preżenza tagħha f'nofs l-Appostli saħħet u żammet ħajja fihom it tama sakemm huma wkoll, bħalma ġara ma' Marija snin qabel f'Nazareth, imtlew bl-Ispirtu s-Santu u hekk saru wkoll ħabbara ta' Kristu Rxoxt.

Ma ninsewx dak li jgħallimna l-Konċilju Vatikan II dwar il-Verġni Marija, meta jgħidilna li Marija mhux biss hija Omm



iżda wkoll xbieha tal-Knisja. Mela waqt li permezz ta' din it-talba qed insellmu lil Ommna Marija u nheġġuha biex tifraħ għaliex il-Mulej huwa ħaj, "għax qam kif kien qal'', Marija qed iddur lejna u tirrepetilna dawn il-kelmiet: "Ifraħ u thenna, għaliex il-Mulej qam tassew!''.

Iva, kull meta ngħid jew inkanta din l-antifona, nistħajjel lill-Verġni Marija ssejjaħli u tgħidli: "Għażiż ibni/binti, kuraġġ, taqtax qalbek meta tħoss it-toqol tal-mard u t-tbatija, meta titfixkel fid-dlam tal-ħajja, meta thossok waħdek u minsi minn kulħadd, meta sħabek ma jifhmukx, meta titlef il-pai ta' qalbek minħabba d-dnub... Tintelaqx għal mejjet fl-art... iżda erfa' ħarstek 'il fuq, iftaħ sewwa widnejk jew aħjar qalbek, u isma' dan il-kliem: 'Il-Mulej qam tassew!'. Qum miegħu inti wkoll, għax Kristu miet u rxoxta biex miegħu jqum kull bniedem''.

Ejjew nemmnu tassew kliem Ġesù meta qalilna: "Ma nħallikomx iltiema. Nerġa' niġi għandkom. Ftit ieħor, u d-dinja ma taranix aktar. Iżda intom għad tarawni, għax jiena ngħix, u intom ukoll għad tgħixu... Min iżomm il-kmandamenti tiegħi u jħarishom, dak hu li jħobbni; u min iħobb lili, iħobbu wkoll il-Missier, u jiena wkoll inħobbu u nurih lili nnifsi'' (Ġw 14:18-19,21). Iva, permezz tad-don tal-Fidi u l-ħarsien tal-Kelma ta' Ġesù, int u jien nistgħu tassew niltaqgħu ma' Kristu Rxoxt, Kristu ħaj, Kristu li jimla lil qalbna bil-ferħ tassew.

Għażiż qarrej/ja, dan hu dak li nixtieqlek: li mil-lum stess inti tibda tiltaqa' mal-Mulej rebbieħ fuq id-dnub, u t-telqa u l-biża' tal-ħajja jinbidlu fik f'tama u f'ferħ, biex inti wkoll tkun tista' tħabbar fil-familja tiegħek u madwarek li Kristu huwa ħaj, li huwa qam tassew, li l-Mulej huwa magħna! ◆



# Il-Verġni Mqaddsa Marija, fil-Qawmien ta' Kristu mill-imwiet

minn Patri Anton Farrugia ofm

Matul il-ħamsin jum tal-Għid, li fihom il-Knisja tiċċelebra ferħana l-misteru tal-mewt u l-Qawmien tal-Mulej, il-Liturġija tfakkar ukoll lill-Verġni Mqaddsa Marija li tifraħ tara lil Binha mqajjem mill-imwiet u tissieħeb fit-talb mal-Appostli huma u jistennew il-miġja tal-Ispirtu s-Santu (ara Atti 1:14).

Fil-ġabra ta' Quddies f'ġieħ il-Verġni Marija, għandna l-Quddiesa tal-*Verġni Mqaddsa Marija fil-Qawmien tal-Mulej*, li bl-eċċezzjoni tal-antifona tal-introjtu u l-prefazju, insibuha wkoll fil-Missal Ruman, fil-Komun tal-Madonna għal żmien il-Għid. Madankollu tajjeb ngħidu li l-formularju ta' din il-Quddiesa huwa wieħed qadim ħafna u fih tagħlim mill-isbaħ, kif se naraw ftit flimkien.

Għalkemm il-vanġeli ma jgħidu xejn, hemm tradizzjoni qawwija fil-Knisja li żżomm li l-Imqaddsa Verġni Marija kienet l-ewwel waħda li rat lil Kristu mqajjem mill-imwiet. Dan seħħ mhux tant biex iwettaqha fil-fidi tagħha, fidi li qatt ma ġiet nieqsa, imma għaliex kien jixraq li dik li ssieħbet daqshekk mill-qrib fil-passjoni tal-Mulej, tkun l-ewwel li taqsam miegħu l-ferħ tal-Qawmien.

Il-Quddiesa tiċċelebra propju l-ferħ li dan il-Qawmien ġab fid-dinja kollha, kif jingħad fil-Kolletta. Alla l-Missier għoġbu jimla lid-dinja bil-ferħ minħabba l-Qawmien ta' Ibnu Ġesù Kristu Sidna. Kif ikompli jingħad fil-Prefazju, jum il-Qawmien tal-Mulej, kien jum ta' dawl u ħajja li fih ferħet id-dinja kollha għax għebu d-dlamijiet tal-mewt. Ferħet il-Knisja li kienet għadha fil-bidu tagħha, kollha mistagħġba tara lil Sidha liebes l-immortalità, imma b'mod partikulari ferħet bil-Qawmien mill-imwiet ta' Binha, Marija Omm Ġesù, li Alla riedha tħoss l-hena li ma jistax jitfisser bil-kliem.

Il-Knisja għalhekk issellem lil Marija u fl-Antifona tal-Introjtu tal-Quddiesa tistedinha tifraħ billi tgħidilha: "Ifraħ, Omm id-Dawl: Kristu, ix-Xemx tal-ġustizzja, rebaħ id-dlamijiet tal-qabar u bid-dija tiegħu dawwal id-dinja kollha, hallelujah!''. U fl-Antifona tat-Tqarbin ittenni: "Ifraħ, Omm Verġni, għax Kristu qam mill-qabar, hallelujah!''.

Iżda fl-istess waqt, il-versett ta' qabel it-tħabbira tal-Vanġelu jfakkar li l-ferħ tal-Qawmien ma jistax jinfired min-niket u t-tbatija tas-Salib, u għalhekk bejn il-kant tal-Hallelujah, il-Liturġija tgħanni: "Sliem għalik, Marija mnikkta ħdejn is-salib, int ġarrabt it-tbatijiet ta' Ibnek, imma issa tifraħ u tithenna''.

Anki hawn, il-Madonna tidher quddiemna bħala għalliema mill-aqwa tal-fidi. Il-Verġni Marija li, kif jitlob il-Prefazju, "bil-fidi nisslet lil Binha u bil-fidi stenniet il-Qawmien tiegħu mill-imwiet'', hija eżempju ta' dik il-fidi li biha aħna lkoll, dixxipli ta' Kristu, li nemmnu li hu tassew Alla u bniedem imnissel minn Omm Verġni, bil-qawwa tal-Qawmien tiegħu mill-imwiet, li bih ħadna s-salvazzjoni, ikun jistħoqqilna naslu fl-hena ta' dejjem, kif nitolbu fit-Talba ta' wara t-Tqarbin. ♦


Sultana tas-Sema, ifraħ, hallelujah,
għax Dak li stħaqqlek tkun Ommu, hallelujah,
qam minn bejn l-imwiet, kif kien qal, hallelujah.
Itlob 'l Alla għalina, hallelujah.



# Tafx'qed Titlob?...

## Riflessjoni fuq it-talba "Regina Cœli"

*minn Dun Alex Refalo*

Għalkemm mhuwiex magħruf il-kittieb ta' din it-talba, nafu li tmur lura sas-seklu tlettax u kienet tingħad mill-patrijiet Franġiskani. Imbagħad daħlet fit-talb tal-Brevjar fis-seklu sittax. Tingħad fi żmien il-Għid bħala għeluq għat-talba tal-Kompieta. Hija waħda mill-erba' antifoni ddedikati lill-Verġni Marija, u kienu diversi l-mużiċisti li kkomponew il-mużika għaliha, fosthom Mozart.

L-istorja tgħid li l-ewwel linji tar-*Regina Cœli* ("Sultana tas-Sema'') intqalu mill-anġli lill-Papa Girgor il-Kbir fis-sitt seklu, waqt li huwa kien qed imexxi purċissjoni tal-Għid il-Kbir, u l-Papa nnifsu żied il-bqija tat-talba. Imbagħad il-Papa Benedittu XIV ordna li fi żmien l-Għid il-Kbir tibda tingħad mill-Insara minflok it-talba tal-*Angelus*.

Tradizzjonalment din it-talba tingħad bilwieqfa tliet darbiet kuljum, minn Sibt il-Għid sa Pentekoste.

* * *

### Talba ta' ferħ u ta' stedina għall-ferħ

Il-kelma ċentrali ta' din it-talba hija *"Ifraħ"*. Il-bqija hu r-raġuni għal dan il-ferħ, li hu l-ferħ li jagħti l-Mulej: "Għedtilkom dan biex *il-ferħ tiegħi jkun fikom*, u biex *il-ferħ tagħkom ikun sħiħ*'' (Ġw 15:11). Huwa ferħ li jibqa' għax huwa ferħ li jinsab fil-ġewwieni tal-qalb, mistur f'dik il-"kamra ta' ġewwa'' (ara Mt 6:6) li hemm fina. Mhuwiex ferħ li jiddependi miċ-ċirkustanzi ta' madwarna, għax inkella jinbidlu ċ-ċirkustanzi u tinbidel il-burdata.

Meta Ġesù qal: "Min iħobb lili, iħobbu wkoll il-Missier'' (Ġw 14:21), hu wera li dak li wieħed jagħti (f'dan il-każ l-imħabba) huwa jerġa' jirċevih lura. Filwaqt li Marija tagħti mħabbitha lil Ġesù, hi qiegħda tirċievi l-imħabba lura mingħand il-Missier. Hekk jimxi magħna l-Mulej: nagħtuh l-imħabba u jimlina b'iżjed imħabba, nagħtuh l-enerġiji tagħna u jagħtina iktar qawwa, nagħtuh il-ħniena meta nuruha mal-oħrajn u hu jkompli jimlina bil-ħniena u l-maħfra. Marija għexet tassew dak li tgħid it-talba attribwita lil San Franġisk: "Għax kull meta nagħtu, aħna naqilgħu''. Fehmet li meta Alla jitlobna nkunu ġenerużi miegħu, hu jkun

joffrilna ġenerożità wisq ikbar. Marija bi mħabbitha lejn Ġesù tatu kollox u b'konsegwenza ta' dan irċiviet mingħandu kollox, dak kollu li kellha bżonn, fost l-oħrajn il-ferħ. Għalhekk il-Knisja tirrepetilha dak li kien intqal lilha minn Alla permezz tal-anġlu: "Ifraħ, mimlija bil-grazzja" (Lq 1:28). Meta fit-talba l-Knisja tistieden lil Marija bit-titlu ta' Sultana tas-Sema biex tifraħ, tkun biss tistedinha toħroġ minn ġo fiha dak li kienet mimlija bih.

Ir-raġuni għal dan il-ferħ tinsab fil-bqija tat-talba: *"għax Dak li stħaqqlek tkun Ommu, qam minn bejn l-imwiet"*. Marija tifraħ minħabba Binha li qam mill-mewt, imma tifraħ iktar għax Kristu Rxoxt jinsab ġewwa fiha, f'ħajjitha. F'Ġesù mqajjem mill-mewt Marija qiegħda tgħix bħala bniedma mqajma mill-mewt, mimlija bil-ħajja ġdida tiegħu. Meta Ġesù għeb minn quddiem id-dixxipli ta' Għemmaws (ara Lq 24:32), ir-raġuni kienet li huma dak il-ħin kienu mimlija bl-istess ħajja tiegħu. Kristu Rxoxt kien fihom! Ma kellhomx bżonnu iktar quddiemhom. Minn nies imdejqa u diżappuntati, saru nies mibdula, mimlijin b'kuraġġ u tama, tant li telqu lura lejn il-post li ħallew, Ġerusalemm.

Bl-istess mod, anzi b'iktar intensità, il-ħajja ġdida ta' Kristu kienet tinsab fil-qalb ta' Marija. Għażlet li tkun miegħu fil-mewt (ara Ġw 19:25) u issa miegħu u fih fil-glorja: "Jekk aħna mitna miegħu, għad ngħixu miegħu wkoll" (2 Tim 2:11). Il-kelmiet minn fomm il-Profeta Ġeremija: "u jiena nbiddel il-vistu tagħhom f'hena, nfarraġhom u nferraħhom wara l-hemm tagħhom" (31, 13) f'Marija jsiru realtà. Il-faraġ, il-ferħ, il-hena huma l-frott tal-għaqda tagħna mas-salib ta' Kristu, tal-parteċipazzjoni



mat-tbatijiet tiegħu. L-I*stabat Mater* issa qed tkanta l-Hallelujah!

Is-sejba ta' Ġesù fit-Tempju (ara Lq 3:46) hija ġrajja marbuta mal-ferħ, tant li hija mdaħħla mal-misteri tal-ferħ fit-talba tar-Rużarju. Marija tifraħ għaliex wara tlitt ijiem ta' tfittxija ssib lil Ġesù. Issa bl-istess mod wara tlitt ijiem Ġesù "il-mitluf", il-mejjet, jerġa' jinstab. Marija mhux biss issibu quddiemha bħalma kien ġara meta ntilef fit-Tempju, imma ssibu fiha, fil-qalb tagħha. Forsi għalhekk ma tissemma l ebda ġrajja ta' Ġesù li jidher lil Ommu wara l-Qawmien bħalma ġara fil-każ tat-Tnax, ta' Marija ta' Magdala u tad-dixxipli.

*"Itlob 'l Alla għalina"*, il-Knisja tikkonkludi f'din it-talba. "Itlob għalina midinbin"; "Ejja, mela, Avukata tagħna"; "Itlob għalina, Qaddisa Omm Alla"... huwa talb ieħor li ngħidu lil Marija, biex bħala Sultana tas-Sema u l-art u bħala Ommna tagħtina dik l-istess ħajja ta' Kristu Rxoxt li kellha hi, ħajja ġdida li turi ruħha fil-kelma "ferħ" jew "hena". Din hija wkoll ix-xewqa tal-Knisja meta fil-Quddiesa, waqt il-Prefazju ta' żmien l-Għid, titlob: "Iżda b'*ferħ* akbar inxandruha (il-glorja ta' Alla) f'dan iż-żmien... Għalhekk f'dan il-*ferħ* tal-Għid, imxerred ma' kullimkien fid-dinja, il-bnedmin kollha jimtlew bil-*hena"*. Bħalma Marija ħadet ħsieb li ma jonqosx l-inbid, simbolu tal-ferħ, lil koppja waqt tieġ (ara Ġw 2), hekk hija tieħu ħsieb iktar lilna wliedha biex il-ferħ ta' Kristu Rxoxt jibqa' fina.

L-Hallelujah, li bil-Lhudi hija kelma marbuta mat-tifħir lil Alla, għall-Insara baqgħet dejjem assoċċjata mal-ferħ, it-tifħir u r-ringrazzjament. Il-ferħ ta' Kristu Rxoxt, il-ferħ tal-Għid, jinsab jidwi tul din it-talba tar-*Regina Cœli*, kif inhi msejħa bil-Latin. Għal din ir-raġuni kull vers tat-talba jispiċċa b'"hallelujah".

L-Omm qiegħda tifraħ ma' Binha Rebbieħ. Qed idewwaqha diġà mill-veru ferħ tal-ġenna. Ix-xewqa għall-ferħ tinsab ukoll fit-talba tal-aħħar: "O Alla, bil-qawmien mill-imwiet ta' Ibnek Ġesù Kristu, Sidna, għoġbok *tferraħ* id-dinja; agħtina, nitolbuk, li b'Ommu l-Verġni Marija, niksbu *l-ferħ* tal-ħajja ta' dejjem. Bi Kristu Sidna. Amen". ◆

# Sena ilu... fid-diskors tar-Regina Coeli, il-Papa Benedittu XVI qalilna...

**Fosos tal-Furjana, 18 ta' April 2010**



Ħuti fi Kristu,

Meta intom tirringrazzjaw, meta jkollkom intenzjonijiet partikolari tat-talb, u meta titolbu l-protezzjoni tas-sema għall-maħbubin tagħkom, hija d-drawwa tagħkom li dduru lejn l-Imqadda Verġni Marija, Omm il-Knisja u Omm tagħna. **Jien naf bid-devozzjoni partikolari tal-poplu Malti lejn Omm Alla, espressa b'fervur kbir lill-Madonna ta' Pinu, u għalhekk għandi pjaċir nieħu l-okkażjoni biex nitlob quddiem ix-xbieha tagħha miġjuba hawn apposta minn Għawdex għal din l-okkażjoni. Jien nieħu wkoll pjaċir nippreżenta Warda tad-Deheb lilha, bħala sinjal tal-imħabba filjali li naqsmu lejn Omm Alla.**

**Nitlobkom b'mod partikolari li titolbuha taħt it-titlu ta' 'Sultana tal-Familja'**, titlu miżjud mal-Litanija ta' Loreto mill-maħbub predeċessur tiegħi, il-Papa Ġwanni Pawlu II, li f'aktar minn okkażjoni waħda żar dawn ix-xtut. Waqt li noffrilkom din it-tifkira tanġibbli taż-żjara tiegħi, jien nirringrazzjakom ilkoll għal dak kollu li rċevejt lura minn għandkom, u l-aktar għall-ħeġġa tad-devozzjoni tagħkom u l-appoġġ tat-talb tagħkom għall-ministeru tiegħi bħala Suċċessur ta' Pietru.

Issa nduru fit-talb lil Marija, Omm il-Knisja u Sultana tas-Sema, waqt li nifirħu fil-Qawmien ta' Dak li ġarret f'ġufha

*Regina Cœli, lætare...*

Jien ferħan li nsellem lill-pellegrini tal-ilsien Taljan preżenti hawn illum f'din l-okkażjoni feliċi, u l-aktar lil dawk li ġew minn Lampedusa u Linosa! Grazzi li ġejtu biex taqsmu dan ma' ħutna Maltin. Jalla l-Appostlu Pawlu, li qed infakkru l-anniversarju tal-preżenza tiegħu f'dawn il-gżejjer, ikun għalikom eżempju ta' fidi soda u kuraġġuża quddiem l-avversità.

Fuqkom ilkoll u fuq il-familjari tagħkom li qegħdin id-dar, bil-qalb kollha nitlob il-Barka tal-Mulej għaż-żmien feliċi u qaddis tal-Għid. ◆

# Il-Fwieħa ta' Kristu

**Omelija ta' Mons. Isqof Mario Grech fit-tifkira tal-ewwel anniversarju minn meta l-Papa Benedittu XVI ta l-Warda tad-deheb lill-Madonna Ta' Pinu**
*- Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu, It-Tnejn, 18 ta' April 2011*



Dakinhar li Ġesù mar jiekol għand Lazzru, Marta u Marija, fid-dar kien hemm taħlita ta' rwejjaħ. Marija ta' Magdala ġabet magħha libbra żejt ta' nard u dan mela d-dar b'riħa tfuħ (Ġw 12,1-11)! Però, fid-dar kien hemm ukoll Ġuda l-Iskarjota li kien ħalliel, rgħib, traditur u qattiel! Nistgħu ngħidu li Ġuda jippersonifika r-riħa tat-taħsir, tal-mewt u d-dnub.

Din it-taħlita ta' fwieħa u ntiena tista' tkun preżenti fil-qlub tagħna, fid-djar tagħna u saħansitra fl-awli liturġiċi tagħna. Għaliex kull wieħed minna jista' jġorr fih innifsu taħlita ta' tajjeb u ħażin, ta' grazzja u dnub, ta' ħajja u mewt! Filwaqt li l-fwieħa sserraħ u tiġbed lill-oħrajn, ir-riħa ħażina tbiegħed! Sfortunatament, l-arja ta' madwarna hija mniġġsa għax bħal Ġuda l-bniedem huwa mħassar. Faċli ħafna li din ir-riħa tinten toqgħod fuqna, tidħol fina u timla madwarna!

Illum qegħdin infakkru l-ewwel anniversarju minn meta l-Papa Benedittu XVI kien fostna u waqt quddiesa li huwa ċċelebra fuq il-Fosos tal-Furjana ppreżenta Warda tad-Deheb lill-Madonna Ta' Pinu. Permezz ta' dan ir-rigal il-Papa mhux biss ried jurina l-imħabba li huwa għandu lejn il-Madonna, imma ried ifakkarna wkoll li l-Madonna hija "warda mistika" li ssebbaħ u tfewwaħ is-Santwarju u lil dawk kollu li jżuruha. Min jista' jgħodd il-pellegrini li matul din is-sena ġew quddiem il-Madonna Ta' Pinu u ddakkru fil-fwieħa tagħha! Imsaħħrin mill-fwieħa ta' Marija, huma jaslu f'dan is-Santwarju, ħafna drabi maħmuġin u b'irwejjaħ jintnu ta' matul il-vjaġġ tal-ħajja, u jħallu l-fwieħa tal-Madonna tinżel fuqhom. Bħan-naħal li joqgħod fuq il-fjuri biex jiġbor it-trab dakkari (*pollen*) ħalli mbagħad jaħdem u jagħmel l-għasel, hekk il-pellegrini joqogħdu quddiem Marija jiġbru minn għandha t-tjubija biex imbagħad huma jkattru dik il-ħlewwa madwarhom.

Marija hija l-isbaħ fjura fil-Ġnien tal-Mulej! Mhux biss għax imliha bil-grazzja, imma wkoll għax bl-iva tagħha Marija tikkopera ma' Alla. Fiha l-ħajja tal-virtù tarmi l-fwieħa; u l-aqwa virtù hija l-ubbidjenza tagħha għar-rieda ta' Alla. Bħal warda li tarmi l-fwieħa tagħha meta tiftaħ, hekk Marija, meta waslet il-milja taż-żmien, "fetħet" u tat lid-dinja lil Ġesù – l'Iben t'Alla li sar bniedem biex jeqred id-dnub, li huwa l-espressjoni u l-kawża ta' kull riħa tinten. Dakinhar li nirċievu l-"Griżma", Kristu, il-midluk tal-Mulej, jibgħat fuqna l-Ispirtu s-Santu li jissawwab fuqna bħal balzmu u hekk kull wieħed u wieħed minna jsir il-fwieħa ta' Kristu.



Bħalma l-fjuri jixhdu li bdiet ir-rebbiegħa, hekk meta Marija ta' Nazaret tatna lil Kristu inawgurat żmien ġdid għall-umanità. Kemm neħtieġu din ir-rebbiegħa ġdida fil-ħajja tagħna personali, fil-ħajja tal-familja u fil-ħajja tal-Knisja! Imma biex il-ġnien tagħna jibda jwarrad u jarmi l-fwieħa, ir-ruħ tagħna trid temmen verament li Kristu huwa Alla! ħafna drabi l-mod kif nittrattaw il-Kelma ta' Kristu iġagħalni nissuspetta li hawn min ma jarax lil Alla fi Kristu! Dan ifisser li l-għarfien tagħna ta' Kristu huwa fqir ħafna. Huwa evidenti li jonqosna dak li San Pawl isejjaħlu "il-fwieħa tat-tagħrif tiegħu'' (2 Kor 2,14).

Għalhekk nersqu għand Marija biex nisimgħuha tgħidilna: "Agħmlu dak li jgħidilkom hu''. Meta permezz ta' Marija aħna niftħu l-bieb lil Kristu biex jgħammar fostna, imbagħad id-dar tagħna mhux biss tkun nadifa minn irwejjaħ jintnu, imma timtela bil-fwieħa t'Alla u tarmi l-fwieħa fil-madwar. Imnebbħin minn dak li jingħad fl-Għanja tal-Għanjiet: "Qum Tramuntana, riħ isfel, ejja, onfoħ fuq il-ġnien tiegħi, ħalli s-siġar tal-balzmu tiegħu jqattru'' (4,16), insejħu lill-Madonna, Għarusa tal-Ispirtu s-Santu, biex bl-interċessjoni tagħha f'dan il-Għid ir-riħ qawwi ta' Pentekoste jonfoħ fuqna, "il-balzmu tal-Ġnien ta' Alla'', u hekk il-fwieħa ta' Kristu tixtered u timla kullimkien. ♦





# Xogħol ta' konservazzjoni fuq il-pitturi ta' Ġużeppi Briffa (2)

mill-Kanoniku Charles Vella,
artista, konservatur u restawratur tal-arti.

## Il- Verġni Marija mal-Qaddisin Verġni

F'dan il-kwadru l-Madonna hija preżentata mal-qaddisin Verġni u Safja. Bit-titlu li nsibu fil-litanija lauretana: "Sultana tal-Verġni". Dawn il-qaddisin huma kemm nisa li ghexu il-verġinita` tagħhom, kif ukoll irġiel, li ghexu is-safa tagħhom. Dan għaliex il-ħsieb nisrani dwar il-verġinita` mhux sempliċiment bioloġiku, daqs kemm l-istat tar- ruħ, il-qalb, u il-moħħ tiegħu. Ħenjin ta' qalbhom safja fil-beatitudni, Kristu jirreferi prinċipalment, għas-safa totali tal- persuna, flimkien mal-ħsieb u l-azzjonijiet kollha tiegħu.

Il-kwadru huwa ta kromatiċi aktar bajdana min kwadri oħra, possibli ħafna dan għamlu biex iżomm kuluri kemm jista' jkun ċari u ndaf, li minnhom infushom jispjegaw, u jakkumpanjaw din il-preżentazzjoni dwar is-safa u il-verġni.

Id-disinn flimkien mal-kompożizzjoni huma armonjużi, u pjaċevoli, u għandhom fihom elementi ta post deco,/Liberty;

puriżmu Raffaelesk, (Nazzareni) u eklektiċiżmu, kif kienet l-epoka kontemporanja ta' dak iż-żmien.

Dan il-kwadru kellu problema ġenerali bħalma huma l-biċċa il-kbira ta' dan il-lot flimkien. Iżda kellu wkoll il-kuluri xotti u għajjenin. Xi postijiet ukoll il-kuluri bdew isiru trab u jitfarfu, b'konsegwenza li jħallu spazji żgħar, bla kulur. Dan kien jitlob konsolodament ġenerali u lokalizzat tal-Kwadru, biex il-kulur jerġa' jintrabat mat-tila, jissaħħaħ u ma jerġax jitfarfar.

It-tila ukoll kellha difetti ġejjin minħabba li ma kienitx merfugħa b'mod liberu, u ma kienitx marbuta ma' sapport ta' tilar. B'konsegwenza it-tila kellha marki ta' tinjiet, minħabba xi piż li seta' tpoġġa fuqha. It-tila li hija ta' materjal tat-tajjar (cotton) hija ukoll sensittiva għall-umdita` li dan jirriżulta, peress li ma kienitx marbuta, f'xi tixtir jew tixrinkja f'xi postijiet.

Din il-pittura kellha ukoll is-siġill tad-dwana ta' meta marru Ruma, li kien f'angolu mgħoddi minn toqba ġo l-istess tila, permezz ta' spaga, u ittimbrat fl-inċiera. Dan ġie merfugħ filwaqt li ġie mneħħi biex jagħti spazju għall-foderatura.

L-interventi prinċipali fuq dan il-kwadru huma dawn:

Ġie mnaddaf mil-ħmieġ superfiċjali, imbagħad ġie mnaddaf ukoll il-kulur, min ħmieġ u moffa, kif ukoll ħmieġ ta' insetti. Fl-istess waqt ta' tindif il-kulur ħa n-nutrienti li jerġgħu joħorġu l-qawwa u is-sabiħ tiegħu. B'hekk il-kwadru ma baqax mitfi u mdallam, iżda reġa' ħareġ id-dimensjonijiet kollha tieghu, mdawwal ċar, u nadif li joffri pjaċir lil għajnejn u lil min jarah.

It-tieni stadju kienet li jiġi stabbilit madwar it-tila fit-trufijiet tiegħu biex ikun jista jinġiebed ma' tilar apposta. Dan l-*istrip lining*, kif jissejjaħ, huwa ta' preferenza fil-konservazzjoni tal-arti, min rilentelatura sħiħa (jekk ma jkunx il-bżonn) għax tibqa' tirrispetta u tista' tara min wara tal-kwadru,









it-tila oriġinali. Dan importanti għall-istoriku tal-arti meta jkun qiegħed jirriċerka, biex jkollu konklużjonijiet u dettalji oħra tal-epoka u l-manifittura, jew il-kompożizzjoni materjali, ta kif kien jaħdem l-artist.

Wara dan jitwaħħal fuq tilar magħmul professjonalment apposta, b'teknoloġija soffistikata, li filwaqt isegwi it-tradizzjoni, jintrabat u jiġbed b'mod aktar soffistikat, li jagħti l-possibilita' li meta t-tila titlef il-ġibda tagħha, u l-kwadru ma jkollux tensjoni biżżejjed biex jidher stirat u eleganti u tkun faċli li terġa' tistira u tiġbed il-kwadru.

Wara dan saret reintegrazzjoni ta' xi kuluri nieqsa, b'kuluri apposta għar-restawr, fuq bażi ta' verniċ u li huma riversibli u ma tinbidilx maż-żmien il-konsistenza tagħhom

Fl-aħħar sar il-verniċ finali biex jidher aktar frisk il-kulur, filwaqt li jipproteġi l-istess kuluri, li huwa ta natura riversibli, u ma jisfarx mar-raġġi tal-U.V. ♦





EUROPEAN REGIONAL DEVELOPMENT FUND
MALTA 2007-2013

Operational Programme I – Cohesion Policy 2007-2013
*Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life*
Contract part-financed by the European Union
European Regional Development Fund (ERDF)
Co-financing rate: 72.25% EU funds; 12.75% National Funds; 15% NGOs

***Investing in your future***

**Proġett: "Niskopru Turiżmu Kulturali u Reliġjuż f'Għawdex - ERDF 140"**

# GĦIN fir-restawr bid-donazzjoni tiegħek...

Ix-xogħol tar-restawr fuq id-dar fejn kienet tgħix Karmni Grima miexi ġmielu, kif juru dawn ir-ritratti.










Ir-restawr qed jiġi ffinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) 2007-2013. Ma' dawn il-fondi s-Santwarju Ta' Pinu jrid joħroġ is-somma ta' € 60,000. Bid-donazzjoni tiegħek tista' tgħin biex tintlaħaq din is-somma u jitlesta x-xogħol ta' restawr. Id-donazzjoni jistgħu jintbagħtu b'ċekk indirizzat:

**Santwarju Ta' Pinu, Triq Ta' Pinu, Għarb GRB 1704, Għawdex.**

# Donazzjoni lis-Santwarju Ta' Pinu



L-aħwa Gauci li joqgħodu ġewwa l-Istati Uniti, fil-bidu ta' Ġunju 2011 żaru s-Santwarju Ta' Pinu u wara li poġġew it-talb tagħhom f'riġlejn il-Madonna fil-Kappella tagħha, huma offrew b'suffraġġju tal-għażiż missierhom ***John Gauci*** donazzjoni ta' Pjaneta u Kalċi .

Dan il-ġest għamluh fuq ix-xewqa ta' missierhom li kellu mħabba u devozzjoni kbira lejn il-Madonna Ta' Pinu, devozzjoni li ħadha miegħu meta emigra lejn l-Amerika.

# L-Antifona tar-Regina Cœli

**mill-Kapp. Dun Nazju Borg**



**Daħla**

Ir-*Regina Cœli* hi waħda mill-erba' antifoni staġunali tal-Verġni Marija li għandhom jitkantaw jew jinqraw fil-Liturġija tas-Sigħat wara t-Talba ta' Billejl fil-Kompieta jew l-Għasar. Din titkanta bejn Sibt il-Għid u Għid il-Ħamsin.

## Ħarsa storika

Ir-*Regina Cœli* hi l-aktar antifona riċenti mill-erba' antifoni li jiġu kantati filgħaxija. X'aktarx li r-*Regina Cœli* nkitbet fis-seklu tnax u ma nafux min kitibha. Imma rigward din l-antifona hemm leġġenda marbuta ma' San Girgor il-Kbir († 604) fejn tgħid li kien dan il-Papa qaddis li kiteb parti minn din l-antifona.

Il-leġġenda tgħid li fis-sena 596, fi żmien l-Għid, faqqgħet fil-belt ta' Ruma l-marda qerrieda tal-pesta. San Girgor għamel talba ħerqana lil Alla u lill-Verġni Marija permezz ta' purċissjoni solenni biex tieqaf din il-marda li kienet qed teqred il-poplu Ruman. Għalhekk jum fost l-oħrajn fi żmien l-Għid ġabar il-kleru fil-knisja ta' Ara Cœli, u b'sinjal ta' penitenza, ħafi u jżomm f'idu l-ikona tal-Verġni Marija mpittra minn San Luqa, beda l-purċissjoni lejn il-Bażilika ta' San Pietru. Xħin għadda l-Kastell Adrijan, kif kien jissejjaħ f'dawk il-jiem, bdew jinstemgħu ilħna mis-sema jkantaw l-antifona tar-*Regina Cœli*. Il-Papa, mgħaġġeb b'dawn l-ilħna anġeliċi, wieġeb b'leħen għoli: "Itlob 'l Alla għalina, hallelujah''. F'dak il-mument anġlu b'dija kbira deher b'xabla f'idejh biex juri l-waqfien tal-pesta, u minn dakinhar il-pesta



*Castel Sant'Angelo, Ruma*

waqfet. Biex titfakkar din il-ġrajja l-isem tal-kastell tbiddel f'Kastell Sant'Anġlu u l-kliem tar-*Regina Cœli* ġie miktub fis-saqaf tal-knisja tal-Ara Cœli.

L-istorja Franġiskana turina li din l-antifona kienet diġà titkanta fl-ewwel nofs tas-seklu tlettax. Din l-antifona kienet tiġi kantata kif għadha sal-lum fit-Talba ta' Għeluq il-Jum fi żmien l-Għid diġà sa minn nofs is-seklu tlettax, għalkemm dehret għall-ewwel darba fl-1200 fejn kienet tiġi kantata bħala antifona għall-*Magnificat* fl-Ottava tal-Għid. Il-*Marienlexikon* jgħidilna li l-aktar test antik ta' din l-antifona nsibuh fil-Vatikan, f'manuskritt tal-1171. Fl-1742 il-Papa Benedittu XIV ħareġ digriet fejn talab biex ir-*Regina Cœli* tingħad bħala t-talba waqt id-daqq tal-qniepen għall-Angelus fi żmien l-Għid.

Kienu diversi l-kompożituri ta' din l-antifona: ta' minn isemmi lil Leonel Power († 1445), Guillaume Dufay († 1474), Tomas Luis de Victoria (1548-1611), Franz Joseh Haydn (1731-1809), W.A. Mozart (1756-1791) u Leoncavallo (1857-1919) fl-opra *Cavalliera Rusticana.*

## L-aspett teoloġiku

Ir-*Regina Cœli* hija titlu li bih il-Knisja tfaħħar u tqim lil Omm Kristu matul iż-żmien tal-Għid. Bħalma Marija kienet qrib ta' Binha fil-Passjoni u l-Mewt tiegħu, hekk ukoll issa tieħu sehem fil-glorja u l-ferħ tal-Għid. Għalina din hi stedina biex inħarsu lejn Marija bħallikieku qed tgħix illum: il-qaddejja tal-Mulej fuq l-art saret Sultana tas-Sema. Fit-tifħir li l-Knisja tagħmel lil Marija hi ssir sinjal għal dawk li huma magħquda ma' Kristu permezz tal-Magħmudija. Kif ngħidu fil Prefazju tas solennità tat Tlugħ is-Sema tagħha nhar il-15 ta' Awwissu, "...illum il-Verġni Marija Omm Alla ġiet imtellgħa fis-Sema, bħala bidu u xbieha tal-Knisja tiegħek fil-milja kollha li għad tidher fiha...". Kull imgħammed għandu jħares lejn Marija bħala x-xbieha ta' fejn irridu naslu aħna. Fejn tinsab Marija llum għad inkunu aħna lkoll, li bħalha nimxu b'fedeltà wara Kristu. Din l-antifona f'ġieħ Marija, Omm il-Feddej, inkurunata, tfakkarna fil-wegħda mwettqa billi tuża l-kelmiet



tal-anġlu: "Hu qam kif kien qal'' (Mt 28:6). L-antifona tispiċċa b'talba ta' interċessjoni: "Itlob 'l Alla għalina, hallelujah''.

Fil-ħsieb Kattoliku, Erasmus Sarcerius (1501-1559) jistqarr li r-*Regina Cœli* hi wirja mill-aqwa ta' dak li stħoqqilha Marija bħala Omm il-Feddej.

## Ir-*Regina Cœli* llum

Din l-antifona f'forma ta' talba titkanta jew tingħad fil-jiem kollha tal-Għid. Din l-antifona tagħti sens kbir ta' ferħ u paċi. Wara ż-żmien impenjattiv tar-Randan, il-ferħ tal-Qawmien jerġa' jinstema' mill-ġdid. F'din l-antifona nitolbu lil Marija biex bħalha jkollna parti mill-Misteru tal-Qawmien fil-ħajja li ġejja. Marija f'din l-antifona hija murija bħala s-Sultana tal-ferh u l-paci tal-qalb, għax Kristu qam tassew mill-imwiet. Marija b'din l-antifona tistedinna biex ngħixu fit-tama tal-ħajja li ġejja.♦



# Skola Marjana

minn John Formosa

## Kristu Rxoxt u l-Verġni Marija

L-Evanġelisti jagħtuna rakkonti ta' diversi dehriet li Kristu Rxoxt għamel lid-dixxipli, imma ma jsemmu xejn jekk hu deherx ukoll lil Ommu Marija. U allura tiġi waħedha l-mistoqsija: Marija kellha dehra ta' Binha Rxoxt?

Għandna nifhmu li din il-mistoqsija ilha ssir mill-Insara sa mill-ewwel żminijiet, għalkemm l-ewlenin Missirijiet tal-Knisja, l-istess bħall-Evanġelisti, huma siekta fuq dan is-suġġett. Biex inkunu eżatti, San Ambroġ (*c.* 340-397) jidher jirreferi għaliha fil-ktieb tiegħu *De virginitate* (iii, 14); imma kien aktar tard li beda jiġi emmnut mhux biss li Kristu Rxoxt deher lil Ommu, imma li propju *l-ewwel* ma deher kien lilha. Dan it-twemmin kien ibbażat fuq il-pretest li hekk kien xieraq li jsir.

Teologi u eseġeti ta' min joqgħod fuqhom huma tal-fehma li dak li jgħid San Mark (16:9), li Ġesù l-ewwel ma deher kien lil Marija ta' Magdala, m'għandux jittieħed litteralment.

Il-Beatu Papa ĠwanniPawlu II, f'diskors li għamel fl-Udjenza Ġenerali tal-21 ta' Mejju 1997, tkellem fit-tul fuq dan is-suġġett. Hawn sa nagħtu ġabra ta' dak id-diskors li baqa' famuż.

Huwa jgħid li, għalkemm l-Evanġelisti ma jsemmu xejn dwar li Ġesù deher lill-Verġni Marija, dan is-silenzju tagħhom m'għandux iwassalna għall-konklużjoni li wara l-Qawmien tiegħu Ġesù ma deherx lil Ommu, imma aktar jistedinna biex infittxu r-raġunijiet għaliex l-Evanġelisti għażlu li jagħmlu hekk.

Jekk l-awturi tat-Testment il-Ġdid ma jsemmux il-laqgħa li Kristu Rxoxt kellu ma' Ommu, dan jista' jiġi attribwit lill-fatt li xhieda bħal din setgħet titqies ippreġudikata minn dawk li kienu jiħdu l-Qawmien tal-Mulej, u allura mhux ta' min jemminha. Barra minn hekk, il-Vanġeli jagħtuna numru żgħir ta' dehriet ta' Kristu Rxoxt, u ċertament mhux ġabra sħiħa ta' dak kollu li ġara fl-erbgħin jum ta' wara l-Għid. San Pawl isemmi li Kristu deher "lil aktar minn ħames mitt aħwa f'daqqa" (1 Kor 15:6). Kif tispjega l-fatt li ġrajja eezzjonali bħal dik u magħrufa minn tant nies ma tissemmiex mill-Evanġelisti? Dan hu sinjal ovvju li dehriet oħra tal-Mulej imqajjem mill-mewt ma ġewx imniżżlin, għalkemm kienu fost il-ġrajjiet l-aktar magħrufin.

Kif jista' jkun li l-Verġni Mbierka, preżenti fl-ewwel komunità tad-dixxipli (ara Atti 1:14), tkun eskluża minn fost dawk li raw lill-Iben Divin tagħha wara li hu qam mill-mewt?

Tabilħaqq, hu leġittimu li naħsbu li probabbilment l-ewwel persuna li lilha deher Kristu Rxoxt kienet Ommu. U l-assenza tal-Verġni Marija mill-grupp ta' nisa twajba li marru filgħodu kmieni lejn il-qabar ta' Ġesù (ara Mk 16:1; Mt 28:1) ma tindikax li hija kienet diġà ltaqgħet miegħu? Din id-deduzzjoni tista' wkoll tiġi kkonfermata mill-fatt li l-ewwel xhieda tal-Qawmien, skond kif ried Ġesù, kienu n-nisa li baqgħu sal-aħħar f'riġlejn is-salib tiegħu u li kienu għalhekk l-aktar sodi fit-twemmin tagħhom.

Kristu Rxoxt jafda lil waħda minnhom, lil Marija ta' Magdala, il-messaġġ biex twasslu lill-Appostli (ara ġw 20:17-18). Anki dan il-fatt forsi wkoll jippermettilna naħsbu li Ġesù wera lilu nnifsu l-ewwel lil Ommu, li kienet l-aktar waħda fidila u li żammet il-fidi tagħha sħiħa waqt il-prova.

Fl-aħħar nett, il-karattru uniku u spejali tal-Verġni Mbierka preżenti fuq il-Kalvarju u l-għaqda perfetta tagħha ma' Binha fit-tbatijiet tiegħu fuq is-salib, jidhru jitolbu parteċipazzjoni mill-aktar partikulari tas-sehem tagħha fil-Misteru tal-Qawmien.

Kittieb tas-seklu ħamsa, Sedulius, iżomm li Kristu wera lilu nnifsu fl-isplenduri tal-ħajja rxuxtata tiegħu l-ewwel nett lil Ommu. Fil-fatt hi, li waqt it-Tħabbira kienet it-triq tad-dħul tiegħu fid-dinja, kienet imsejħa li xxerred l-aħbar meraviljuża tal-Qawmien biex jagħmilha l-ħabbara tal-miġja glorjuża tiegħu. Mimlija hekk bil-glorja tal-Irxoxt, hija tantiipa d-dija glorjuża tal-Knisja (ara Sedulio, *Carmen Pascale*, 5, 357-364, CSEL 10, 140s).

Preżenti fuq il-Kalvarju nhar il-ġimgħa Kbira (ara Ġw 19:25) u fiċ-ċenaklu nhar Pentekoste (ara Atti 1:14), il-Verġni Mbierka kienet ukoll probabbilment ix-xhud ipprivileġġjat anki tal-Qawmien ta' Kristu, u twettaq bis-sħiħ is-sehem tagħha fil-mumenti kollha essenzjali tal-Misteru tal-Għid.

Matul żmien il-Għid il-komunità Nisranija ddur lejn Omm il-Mulej u tistedinha biex tifraħ: *"Regina Cœli, lætare. Alleluia!"*, "Sultana tas-Sema, ifraħ. Hallelujah!". B'hekk tfakkar il-ferħ ta' Marija għall-Qawmien mill-mewt ta' Ġesù u ttawwal fiż-żmien l-"Ifraħ" li kien qalilha l-anġlu fit-Tħabbira, biex issir "kawża tal-ferħ" għall-umanità kollha.

## San Ġorġ Preca u Kristu Rxoxt



Fost il-qaddisin li kienu jemmnu li Kristu Rxoxt l-ewwel ma deher lil Marija nsibu lill-qaddis Malti Dun Ġorġ Preca. Huwa, li kellu tant għal qalbu l-Qawmien mill-mewt ta' Ġesù, kemm-il darba fil-prietki u fil-kitbiet tiegħu semma kif Ġesù l-ewwel ma deher lil Ommu. Huwa kien jikkwota lil San Vinċenz Ferrer (1350-1418), li kien iżomm din il-fehma u kien anki jipprietka dwarha (ara Dun Ġorġ, *Ktieb tal Istejjer*, Vol. 2, n. 104). Imma naħseb li l-isbaħ kitba tiegħu fuq dan is-suġġett hi dik li nsibu fil-ktieb *Il-Benedicta*, ktieb b'31 konferenza li fihom jisthajjel lil San Gabrijel jirrakkonta.

Fil-Kapitlu 12, jismu "Marija u Kristu Rxoxt", insibu dan li ġej:

"Meta Ġużeppi ta' Arimatea u Nikodemu difnu 'l Ġesù Kristu skond l-użu tal-Lhud, allura Marija reġgħet lura fid-dar tagħha ma' Ġwanni, l-Appostlu li Ġesù kien iħobb u lilu kien irrikkmanda biex jgħożżha bħala ommu, u hemm hija baqgħet f'baħar ta' duluri.

Però l-ħsieb li huwa kellu jirxoxta kien janimaha kull tant. Kienet żgura li kellu jirxoxta, għax qaluh il-profeti, u qalu huwa stess li fit-tielet jum kellu joħroġ ħaj mill-qabar, bħalma kien ħareġ Ġona minn żaqq il-ħuta.

Immela, ftit qabel it-tbexbix tat-tielet jum, meta hija kienet weħidha fid-dar, hekkhu l-Iben tagħha Ġesù jidher glorjuż lill-Imbierka Omm tiegħu Marija u jsellmilha.

Ma jistax ikun li wieħed ifisser il-ferħ li daħal fil-qalb ta' Marija meta għarfet l-Iben tagħha maqtul, irxuxtat. 'Ara, o Omm għażiża tiegħi', qalilha, 'ara l-pjagi, li inti addolorata lbieraħtlula kont qiegħda tikkontempla, mhumiex iżjed ta' uġigħ għalija, iżda ta' glorja u ta' unur, għax permezz tagħhom jiena tajt glorja u ġieħ bla tarf lil Alla l-Missier tiegħi. Jiena mmeritajt għalija, veru Iben tiegħek, l-unur u l-ġieħ minn Alla l-Missier tiegħi, u għall-bnedmin kollha l-grazzja ta' Alla, u jiena qridt ir-renju ta' Satana għal dejjem.

Il-maħbubin tiegħi kont għarrafthom li kelli nirxoxta fit-tielet jum, iżda minnhom ħadd għadu ma rani. L-ewwel li jiena dhert lilek biex inferrħek qabel kulħadd, għax hadd ma qasam miegħi d-duluri bħalek. ħadd mhu iżjed minnek denn tal-imħabba u tal-qima tiegħi lejk.

Lilek jiena għażilt b'omm tiegħi. ħadd ma tbierek bħalek fost il-bnedmin kollha, għalhekk lilek ridt jiena nferraħ l-ewwel bir-rebħa tiegħi glorjuża fuq il-mewt u fuq l-għedewwa kollha tal-verità u tal-ġustizzja.

Jiena għadni ma tlajtx għand il-Missier tiegħi, iżda kif ħriġt mill-qabar, għandek jiena ġejt dritt biex inħabbarlek it-trijonfi tiegħi. Naf li int sofrejt wisq minħabba fija, u għalhekk inti wkoll wisq tifraħ minħabba fija.

Dik ukoll li tant ħabbitni, dik li ma tafx toqgħod mingħajri, Marija Madalena, dik li tant tixtieq tarani, issa lilha jiena nidher l-ewwel bi preferenza wara li ġà jiena dhert lilek, għax hija denja iżjed minn ħaddieħor. U nerfagħha mill-biki tagħha, u bil-preżenza u bil-kliem tiegħi jiena nimliha bil-ferħ tal-Qawmien tiegħi mill-mewt'.

Ġesù Kristu, immela, wara li henna l-Omm maħbuba tiegħu bil-preżenza u bil-kliem tiegħu, malli rxoxta l-ewwel ma deher lil Marija Madalena, u din għall-ewwel ħasbitu l-ġennien, iżda malajr għarfitu meta sejħilha b'isimha''.

## L-Eżerċizzju ta' Kompassjoni lejn Marija Addolorata

Fl-aħħar ħarġa ta' din ir-rivista, dik ta' Jannar-Marzu 2011, Nru 156, fil-paġna 7, ippubblikajna *L-Eżerċizzju ta' Kompassjoni lejn Marija Santissma Addolorata.* Minħabba l-kwotazzjoni li hemm fi tmiem dan l-Eżerċizzju, diversi kienu li ħasbu li dik il-kitba kienet tal-qaddis San Gabrijel tal-Addolorata. Fil-fatt, dak l-Eżerizzju hu kitba tal-qaddis Malti Dun Ġorġ Preca. Kien ippubblikah l-ewwel darba fil-ktieb tiegħu *"Castra Pœnitentium" - Akkampamenti tal-penitenti. Qari għax-xahar ta' Settembru* (Tip. Chretien & Co., Valletta, 1931). Din mhix l-ewwel darba li San Ġorġ Preca, meta kien jikteb xi talb, kien jaħbi ismu. Fost dawn il-kitbiet insemmu l-*Ora Santa ta' San Gejtanu*, li hija meditazzjoni fuq il-Passjoni ta' Kristu miktuba minnu stess. ♦



# Forsi anki l-Madonna tista' tirreċitalek ir-*Regina Coeli*!

**minn Dun Mikiel Galea**

*Din ir-riflessjoni-meditazzjoni hija mnebbħa minn stqarrija li għamlitli Marija Agius, Omm ta' familja, rabbiet tlitt itfal u li dan l-aħħar skopriet f'ġisimha marda terminali. Qaltli Marija meta mort naraha: "Kont inħobb ħafna mmur inżur lill-Madonna Ta' Pinu fis-Santwarju tagħha, u nibqa' mmur sakemm inkun niflaħ...imbagħad meta ma nibqax niflaħ, naħseb li tiġi żżurni Hi."*

**Għażiża Marija**, għalkemm iġġib ismi, ma nistax insejjaħlek "Sultana tas-Sema",
għax Sultana tas-Sema Jien biss hemm... Din id-dinjitaÏ tahieli Alla TrinitaÏ...
mhux biex nikkmanda, iżda biex bħal Ester tat-Testment il-Qadim, *(Ktieb ta' Ester)*
naqbeż għalikom quddiemU.
Fil-fatt, il-Konċilju Vatikan II jgħallimkom li għalkemm imtellgħa fis-sema,
jien ma tlaqtx minn taħt idejja l-ħidma għas-salvazzjoni tagħkom...
Għaldaqstant isejjaħli Avukata, Awżiljatrici, Għajnuna, Medjatriċi... *(L.G. 62)*
PeroÏ mal-Papa Piju XII, il-Papa tad-Domma ta' l-Assunta, nista' nsejjaħlek "Xemx"!
Mara u Omm nista' nqisek ix-xemx tal-familja tiegħek. Għaliex?
Għax għandek qalbek kbira, għax tissagrifika ruħek,
għax tagħmel minn kollox għall-ħajja ferħana ta' żewġek u ta' wliedek!
Inti xemx tal-familja minħabba l-ġmiel ta' ħarstek u l-ħeġġa ta' kliemek.
Ħarstek ħelwa u kelmtek kollha tjieba jrattbu fejn hemm l-iebes,
ifarrġu fejn hemm in-niket u jqawwu l-qalb meta jixegħlu t-tentazzjonijiet!
Wara jum iebes ta' xogħol, tgħin lil żewġek, Ġużepp, jifraħ bil-ġid
u jħeda jitkellem miegħek u ma' wliedek!
Inti xemx għax qalbek miftuħa u sinċiera,
għax irżina fl-imġieba tiegħek bħala mara nisranija,
qalbek tajba u mhux moħħok imtajjar fil-frugħat tad-dinja,
kollok satra fl-imġieba u fil-mod kif tilbes u tiżżejjen,
kollok mistħija u ħelwa f'għemilek!
Int qisek warda kollha ġmiel li ma tagħtix fil-għajn bit-tlellix tagħha,
imma tinfetaħ biex tilqa' u turi lid-dinja l-ilwien kollha tax-xemx! *(Piju XII, lill-miżżewġin godda)*

**Għalhekk, Marija, ifraħ b'dan kollu, u kanta "Hallelujah"!**

**Għażiża Marija,** int m'intix Omm ĠesuÏ li qam minn l-imwiet kif kien qal,
imma nista' nsejjaħlek "oħtu", għax darba Hu staqsa: "Min huma ommi u ħuti?"
Wieġeb għal din il-mistoqsija Huwa stess:

"Dak li jagħmel ir-rieda ta' Missieri, dak huwa ħija u oħti u ommi." *(Mt 12, 50)*
U int, bħali, dejjem ippruvajt tagħmel ir-rieda tal-Missieri u Missierek.
Imbagħad, int diġà ġarrabt u qegħda ġġarrab l-esperjenza tal-qawmien f' Ġesù.
Hekk pereżempju, kont għadek tarbija ċkejkna, u bis-sagrament tal-magħmudija,
int indfint ma' Kristu mejjet u rġajt qomt miegħu għall-ħajja tal-grazzja. *(ara Rum 6, 4)*
Imbagħad, bħala mara miżżewġa, għal tliet darbiet,
ġarrabt id-dwejjaq tal-mewt u l-ferħ li jiġi mill-mewt.
Flimkien ma' żewġek ġibt fid-dinja u rabbejt tliet ulied...
Meta kienet tasal is-siegħa tal-ħlas, żgur kont tiddejjaq,
imma mbagħad wara l-ħlas kont tifraħ, għax ħlejqa oħra kienet tkun giet fid-dinja.
Dal-kliem qalu Ġesù ftit qabel ma mar minn jeddu għall-passjoni. *(Ġw 16, 21)*
Baqa' iżjed, xi ħaġa li jgħidilna San Pawl f' waħda mill-ittri tiegħu:
"Ma naqtgħux qalbna, għax imqar jekk il-bniedem ta' barra jitħassar,
l-bniedem ta' ġewwa jiġġedded minn jum għal jum.
Il-ftit tbatija tagħna ta' issa, tħejjilna kobor ta' glorja bla qies għal dejjem...*(2 Kor 4, 16.17)*

**Għalhekk, Marija, ifraħ u kanta "Hallelujah"!**

**Għażiża Maria**, fl-aħħarnett, insieħbek miegħi fit-talb ta' interċessjoni
għall-familjari tiegħek, għan-nepputijiet tiegħek,
għal ħbiebek, għal dawk li għamlulek il-ħsara,
għal dawk li taf u għal dawk li ma tafx, għal dawk li qegħdin jikkurawk,
għall-paċi fid-dinja, għall-pajjiżna, għall-konverżjoni tal-midinbin,
għall-għaqda fil-familji Maltin u Għawdxin,
għaż-żgħażagħ, sew għal dawk li mexjin fit-triq it-tajba u sew għal dawk li mhumiex,
sew għal dawk li diġà sabu triqthom u sew għal dawk li għadhom ma sabuhiex,
għall-ġerarkija tal-Knisja, isqfijiet u saċerdoti, għal-lajċi impenjati...lista li ma tispiċċa qatt!
Mhemmx għalfejn tagħmel xi talb speċjali...
it-talb tiegħek tkun it-tbatija li qegħda tbati, wieqfa kif kont jien ħdejn is-salib ta' Ibni Ġesù!
Inti taf tajjeb li jekk il-ħabba tal-qamħ ma taqax fl-art u tmut, hi tibqa' weħidha;
imma jekk tmut, tagħmel ħafna frott." *(Ġw 12, 24)*

**Għalhekk, nerġa' ntennilek, Marija, ifraħ u kanta "Hallelujah"!** ♦





# Marija fil-Mużika (6)

minn Ivan Attard,
l-Organista tas-Santwarju Nazzjonali
tal-Madonna Ta' Pinu

**"Sultana tas-sema, ifraħ u thenna, Hallelujah!"** Din hija l-għanja li l-Knisja ferreħija tkanta lill-Verġni Marija matul iż-Żmien Qaddis tal-Għid li fih, għal ħamsin ġurnata, infakkru l-ġrajja tal-Qawmien glorjuż tal-Mulej mill-Imwiet. Huwa ferm xieraq li l-Knisja ssellem lil dik l-Omm li, għax baqgħet wieqfa ħdejn is-Salib tar-Redentur, emmnet fil-Kelma tal-Mulej u ma ddubitatx iċ-ċertezza li hu kien ser joħroġ rebbieħ fuq is-setgħa tal-mewt.

L-innu *Regina Coeli* huwa wieħed mill-aktar innijiet antiki li għandha l-Knisja Kattolika u jieħu post it-talba tal-*Angelus* fi Żmien il-Għid. Dan l-innu jingħad ukoll bħala Antifona Marjana fit-Talba ta' Għeluq il-Jum mill-Għasar ta' Ħadd il-Għid filgħaxija sat-Tieni Għasar ta' Għid il-Ħamsin. Filwaqt li għadu mhux magħruf min hu l-awtur tiegħu, dan l-innu għandu oriġini li tmur lura sat-tnax-il seklu W.K. Hemm leġġenda interessanti li tirrakkonta kif darba waħda f'Jum l-Għid il-Kbir, San Girgor il-Kbir sema' l-anġli jkantaw l-ewwel tliet versi ta' dan l-innu waqt li kien qiegħed f'purċissjoni bl-ikona tal-Madonna impittra mill-Evanġelista San Luqa. Huwa ġie ispirat biex jikteb ir-raba' vers ta' dan l-innu.

Jeżisti bosta kompożizzjonijiet mużikali fuq dan l-innu Marjan. Il-melodija uffiċjali jew tipika ta' dan l-innu tinsab fl-Antifonarju tal-Vatikan. Hemm imbagħad bosta kompożizzjonijiet elaborati li jinkludu l-użu tal-orkestra u Kor bil-vuċijiet. F'dan l-artiklu ser nagħtu ħarsa lejn xi wħud minnhom:



**Wolfgang Amadeus Mozart** (1756-1791) kien wieħed mill-aktar kompożituri prolifiċi u influwenti tal-era Klassika. Matul ħajtu, kiteb aktar minn 600 biċċa mużikali li jvarjaw minn sinfoniji, *concertos*, *sonatas* u oħrajn. Mozart għandu tliet kompożizzjonijiet ibbażati fuq l-innu *Regina Coeli*. Dawn huma:

(i) Regina Coeli in C major, K.108 - dan ix-xogħol inkiteb fl-1771 għal sopran solista, Kor b'erba' vuċijiet u orkestra;

(ii) Regina Coeli in B flat major, K. 127 - dan ix-xogħol inkiteb fl-1772. L-istrumentatura użata tikkonsisti f'Kor b'erba' vuċijiet,

*oboe*, *horn*, żewġ vjolini, vjola u *continuo*; u

(iii) Regina Coeli in C major, K. 276 - din il-kompożizzjoni nkitbet fl-1779 għal erba' solisti (sopran, contralto, tenur u baxx) u Kor b'erba' vuċijiet bl-akkumpanjament tal-orkestra.



**Jean Baptiste Lully** (1632-1687), kompożitur Franċiż, għadda l-maġġor parti ta' ħajtu jaħdem fil-Palazz tar-Re Lwiġi XVI. Huwa ikkunsidrat bħala l-pijunier tal-istil Barokk fi Franza. Dan il-kompożitur kiteb arranġament wieħed tal-innu *Regina Coeli.*

**Michel Richard de Lalande** (1657-1726) huwa kompożitur u organista Franċiż. Kiteb diversi *suites* orkestrali magħrufa bħala "Simphonies pour les Soupers du Roy" u *ballets*. Ix-xogħlijiet tiegħu ħabbru l-*cantatas* ta' Johann Sebastian Bach u l-*oratorios* il-kbar ta' George Frideric Handel. Dan il-kompożitur kiteb arranġament wieħed tal-innu *Regina Coeli* fl-1698.

**Franjo Dugan** kiteb mużika għall-innu *Regina Coeli* fl-1895 fuq l-istil Romantiku. Dan l-innu huwa miktub għal sopran jew tenur solista bl-akkumpanjament tal-orgni.

**Antoine Busnois** (1430-1492) huwa wieħed mill-aktar kompożituri magħrufa tas-seklu ħmistax, l-aktar fejn tidħol mużika sekulari.




Madankollu, Busnois għandu arranġament mużikali fuq ir-*Regina Coeli* li nkiteb għal Kor b'erba' vuċijiet.

Il-kompożitur **Pirro Capacelli Conte Albergati** kiteb motett sagru ibbażat fuq il-kliem tal-innu li qed nitkellmu fuqu llum. Dan ġie ippubblikat għall-ewwel darba fl-1691.

Il-kompożitur ċelebri **Johannes Brahms** (1833-1897) huwa kompożitur u pjanista



Ġermaniż u wieħed mill-aktar kompożituri importanti tal-era Romantika. Brahms kiteb mużika għall-antifona *Regina Coeli* fl-1863 għal Kor femminili SSAA. Din il-kompożizzjoni ndaqqet għall-ewwel darba f'Hamburg fid-19 ta' Settembru 1869.

**Marcel Dupré** (1886-1971) huwa pjanista, organista u kompożitur Franċiż. Fost ix-xogħlijiet mużikali li kiteb, Dupré ikkompona mużika għall-innu *Regina Coeli* biex tindaqq fuq l-orgni.

**Charles Marie Widor** (1844-1937) ikkompona mużika għal dan l-innu fl-1874.

Il-kompożitur **Antonio Vivaldi** (1678-1741) kien kompożitur Taljan u vjolinista mill-aqwa, imwieled ġo Venezja. Vivaldi huwa rikonoxxut bħala wieħed mill-aqwa kompożituri tal-era Barokka u, fi żmienu, ħalla impatt qawwi fuq l-Ewropa. Huwa kiteb arranġament mużikali fuq it-test tal-innu *Regina Coeli* imma ma laħaqx temm din il-kompożizzjoni tiegħu sa jum mewtu li ġrat fit-28 ta' Lulju 1741.



Verżjoni mużikali riċenti ta' dan l-innu Marjan inkitbet f'Jannar 2005 mill-kompożitur kontemporanju Jacopo La Fauci. Il-kompożitur kiteb dan l-innu għal Kor b'erba' vuċijiet (SATB) u jitkanta *a cappella*, jiġifieri mingħajr l-akkumpanjament tal-istrumenti mużikali.



Kompożizzjonijiet oħrajn ta' dan l-innu ġew miktuba matul is-snin minn Lorenzo Perosi, Frans Liszt, Tomas Luis de Victoria, Orlando di Lasso u Louis-Nicolas Blondel. Ħafna minn dawn ix-xogħlijiet jitkantaw *a cappella*. ♦

***Riferenzi:***


(i) Pellegrino Santucci, *La Madonna nella Musica* (1983)

(ii) Marina Warner, *The Myth and the Cult of the Virgin Mary* (1976).



# Il-Kelma tal-Papa

## Il-Ferħ ta' Marija

### Marija tifraħ

Il-Vanġelu ma jgħid xejn dwar Marija u l-Qawmien ta' Kristu. Iżda t-tradizzjoni Nisranija tħobb tikkontemplaha ferħana aktar minn kulħadd, waqt li qed terġa' tgħannaq lil Binha, wara li hi kienet għannqitu ma' sidirha, meta kien imniżżel minn fuq is-Salib.

Issa, wara l-Qawmien, Omm il-Feddej qed tifraħ mal-"ħbieb" ta' Ġesù, l-Appostli, li jifformaw il-Knisja tal-bidu li qed titwieled.



- Filwaqt li nagħtikom mill-ġdid l-awguri tal-Għid, nitlob lilha, ir-Regina Cœli, is-Sultana tas-Sema, biex iżżomm ħajja fina l-fidi fil-Qawmien.
- Jalla hi tagħmilna messaġġiera tat-Tama u tal-Imħabba ta' Kristu Rxoxt.

*(Diskors waqt ir-*Regina Cœli*, 09-04-2007)*

### Messaġġiera tad-Dawl u l-Ferħ tal-Għid

Kif id-dixxipli ta' Għemmaws għarfu lil Ġesù fil-Qsim tal-ħobż, hekk ukoll aħna waqt iċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika, fil-Qsim tal-Ħobż, ejjew nagħrfu l-preżenza tiegħu fostna.

Waqt iċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika aħna nistgħu niltaqgħu u nagħrfu lil Ġesù fil-mejda doppja: fil-Mejda tal-Kelma tiegħu u fil-Mejda Ewkaristika.

Kull nhar ta' Ħadd il-komunità tista tgħix mill-ġdid il-Misteru tal-Għid u tirċievi mingħand il-Feddej it-testment tiegħu tal-Imħabba u tal-Qadi.

- Għeżież, jalla l-ferħ ta' dawn il-jiem tal-Għid isaħħaħ ir-rabta tagħna ta' mħabba ma' Kristu Msallab u Rxoxt.
- Jalla Marija tgħinna nkunu messaġġiera tad-DAWL u tal-FERĦ tal-GĦID ma' ħutna l-bnedmin kollha.

*(Diskors fl-Udjenza Ġenerali fi Pjazza San Pietru, 26-03-2008)*



# Talba

## tal-BeatuPapa Ġwanni Pawlu II lill-Verġni Mbierka: Omm it-Tama

*"Ifraħ, o Sultana tas-Sema;*
*ifraħ għax Ibnek qam mill-imwiet".*
*Ninsabu mixħuta quddiemek,*
*Omm ta' Jasna Gora,*
*f'dan iż-żmien tal-Għid.*

*B'din l-antifona Marjana,*
*quddiem ix-xbieha tal-Madonna*
*Sultana tal-Polonja,*
*ningħaqad man-nazzjon kollu.*

*Irrodd ħajr għal dak kollu li jfisser*
*l-Irxoxt ta' Kristu*
*għal kull wieħed u waħda minna.*

*Irrodd ħajr għal dak li fissret*
*u għadha tfisser il-ġrajja*
*tal-Qawmien ta' Kristu*
*għall-ġenerazzjonijiet kollha.*

*Irrodd ħajr għat-tama żgura*
*li jnissel fina l-Qawmien ta' Kristu.*

*Irrodd ħajr għall-qawwa tal-Verità.*
*Il-Verità tista tiġi kkundannata*
*għall-mewt,*
*iżda l-Verità rebħet u tirbaħ dejjem.*

*Irrodd ħajr għar-rebħa tal-ħajja*
*fuq il-mewt.*
*Il-mewt ġiet megħluba*
*għax Kristu qam mill-ġdid*
*bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu.*

*Ejjew inkantawlha*
*lill-Imqaddsa Marija Omm Alla:*
*"Ifraħ, o Sultana tas-Sema...*
*itlob lil Kristu għalina. Hallelujah".* ♦

English Corner



# Regina Caeli Laetare, alleluia

Rev. Emanuel Magro

**V.** ***Queen of Heaven, rejoice, alleluia.***
**R.** ***For He whom you did merit to bear, alleluia.***

**V.** ***Has risen, as he said, alleluia.***
**R.** ***Pray for us to God, alleluia.***

**V.** ***Rejoice and be glad, O Virgin Mary, alleluia.***
**R.** ***For the Lord has truly risen, alleluia.***

***Let us pray. O God, who gave joy to the world through the resurrection of Thy Son, our Lord Jesus Christ, grant we beseech Thee, that through the intercession of the Virgin Mary, His Mother, we may obtain the joys of everlasting life. Through the same Christ our Lord. Amen.***

When was it lately that you have invited someone to rejoice? What was the occasion? As you have just read this marian antiphon, then at this very moment you have invited the Virgin Mary, the Queen of Heaven, the mother of our Lord Jesus Christ to rejoice!!

Listen to the antiphon you have just read or prayed. Listen to its rhythm. You have just addressed Mary. The antiphon's dialogical format is making you part of it. You are inviting Mary to rejoice.

By saying the *Queen of Heaven, rejoice* (*Regina Caeli Laetare*), you are reminding Mary of something she should not forget. The Son she bore who died a shameful death, naked on a cross, is alive! He is risen! He appeared to Peter, to the Twelve, to 500 disciples together, to James, to Paul himself (see 1 Cor 15:5-8). Should one not say that He appeared to her too? Can one not count her at least among the crowd of the 500 disciples to whom the Risen Lord has appeared? Would He ever forget the woman who bore Him, the mother who nourished him, the one who stood at the foot of His cross? Would He be so ungrateful to overlook all the sacrifices, the suffering and pain that she went through to see Him grow up? Would he ignore her faith that formed Him in His own religious and spiritual beliefs? If she were brokenhearted to see Him rejected, humiliated, abandoned, and lifeless, now is the time to lift up her head to see Him alive, exalted, and glorified,

By saying this antiphon you are also confessing your own faith in Jesus' resurrection as well as your own devotion to Mary. Such a confession is a joyful one. Through His death and resurrection Jesus has shown us that we may achieve the fullness of our human life by following Him. This means that we as His disciples try to think like him, feel like him, act like him, behave like him. Even if this implies that we have to sacrifice our life in loving and forgiving others. Jesus' own set of values is to be the one that guides and forms our lives. He is the Way, the Truth and the Life. To be fully human is to be His disciple.

In proclaiming the joy of Jesus' resurrection we are also expressing our Christian hope. Jesus' life has clearly shown us that not all of His contemporaries have understood Him. Some even got afraid of His teachings and of His vision for a new humanity. They rejected Him and tried to destroy Him by crucifying Him. Yet, God raised Him from the death. God did not let evil have the last word on human life. Misunderstanding, opposition, rejection and persecution are part and parcel of being Jesus' disciples. Yet, these negative experiences, even though they depress us, do not dampen our hope that by living like Jesus we will overcome evil and suffering. Like Mary we are to stand at the foot of the cross. Like Mary we are called to rejoice at Jesus' resurrection.

By confessing our belief in Jesus' resurrection we are implying our own destiny as human beings. The ultimate goal of our life is to be with God. As the added concluding prayer, the collect, to this marian antiphon says, may we who pray this antiphon "obtain the joys of everlasting life." We are created to love and serve God and to be with God for ever. Our own destiny is intrinsically bound with Jesus' resurrection. Mary has already experienced this through her assumption into heaven after her death. Like her, we do hope that after living as Jesus' disciples, we will be granted that marvelous and joyous reward of being with God for all eternity.

We thank the anonymous composer of this beautiful marian antiphon. It has been prayed and/or sung for last eleven hundred years. All over the world Christians join together to greet Mary with this joyful hymn. May we rejoice with Mary as we pray this antiphon during the Easter season instead of the Angelus during the day and at the end of compline. May the joy that Mary experienced in seeing her Son alive and glorified, be granted to us and be the source of our Christian hope. May we as Jesus' disciples be heralds of Christian joy. ♦

# Iż-Żjara tal-Isqof Bonello fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu

*minn Ivan Attard*





**Nhar il-Ħadd 6 ta' Marzu 2011, l-E.T. Mons. Isqof Joe Bonello OFM, fl-okkażjoni tal-ewwel żjara tiegħu f'Għawdex wara li ġie kkonsagrat Isqof Koadjutur tad-Djoċesi ta' Juticalpa fil-Honduras, ġie bħala pellegrin fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu.**

Mons. Isqof Bonello wasal fuq iz-zuntier ta' quddiem is-santwarju għall-ħabta tas-6.00pm u daħal b'mod solenni fis-santwarju akkumpanjat mill-Provinċjal tal-Patrijiet Franġiskani u r-Rettur tas-Santwarju Dun Gerard Buhagiar. L-Isqof Bonello daħal fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu, fil-post li meta kien għadu tfajjel kien ta' spiss iżur biex hemm joqgħod jitlob fis-skiet.

L-Isqof Bonello xegħel ix-xemgħa ta' fuq l-altar u waqt li niżel għarkupptejh huwa għamel talba ta' affidament lill-Madonna Ta' Pinu li permezz tagħha huwa poġġa l-ministeru episkopali tiegħu taħt il-ħarsien tal-Verġni Marija, Omm ir-Ragħaj Divin. Meta temm din it-talba, l-Isqof Bonello mexxa t-talba tar-Rużarju Mqaddes li inkludiet meditazzjonijiet qosra dwar kull misteru u l-kant tal-*Ave Maria* bejn posta u oħra. Iċ-ċelebrazzjoni ntemmet bl-għoti tal-Barka Sagramentali. Il-kant tmexxa mill-organista Ivan Attard.

Fi tmiem din iċ-ċelebrazzjoni, l-Isqof Bonello rringrazzja lir-Rettur Dun Gerard Buhagiar għall-ospitalità tiegħu u għall-opportunità li tah li jmexxi t-talba tar-Rużarju f'dan is-santwarju għażiż għall-Maltin u l-Għawdxin kollha. Ir-Rettur ippreżenta kwadru-replika tal-Madonna Ta' Pinu lill-Isqof Bonello li, min-naħa tiegħu, qal li sa jibqa' jgħożż dan il-kwadru u sa jpoġġih fil-kappella privata tiegħu fil-Honduras biex hekk jibqa' jiftakar li l-ministeru tiegħu ta' isqof ġie mqiegħed taħt il-ħarsa materna tagħha. F'dan il-mument l-Isqof Bonello niżel għarkupptejh u bies il-kwadru tal-Madonna. Huwa stqarr li madwar 21 sena ilu, meta huwa mar fil-missjoni tal-Honduras, il-kappillan tiegħu ħadu miegħu fi knisja ċkejkna u għajnejh waqgħu fuq kwadru ċkejken tal-Madonna Ta' Pinu. Huwa dlonk staqsa kif wasal fil-Missjoni dan il-kwadru tal-Madonna. U r-risposta kienet li dak il-kwadru kienu ġabuh magħhom l-ewwel missjunarji Maltin ġewwa l-Honduras. "U issa", kompla jgħid l-Isqof, "jiena sa nieħu miegħi dan il-kwadru sabiħ tal-Madonna Ta' Pinu u sa npoġġih fil-kappella privata tiegħi. B'hekk kull meta nersaq nitlob quddiemu niftakar li llum f'dan is-santwarju tagħha jiena poġġejt il-ministeru tiegħi ta' isqof taħt il-ħarsien tagħha. L-aħħar kelma nixtieq ngħidha lilkom, għeżież ħuti Nsara: anki intom, kull meta tiġu f'dan

is-santwarju għażiż għalina lkoll, ftakru fija fit-talb tagħkom, biex inkun ragħaj skond il-qalb ta' Kristu!''.



L-Isqof Bonello żar ukoll il-mużew tas-santwarju u ffirma l-ktieb tal-viżitaturi, filwaqt li ħalla b'tifkira tiegħu l-karlotta li kien liebes. Iċ-ċelebrazzjoni kienet ukoll imxandra fuq *Radju Marija*, u fil-fatt l-Isqof Bonello ħa l-okkażjoni biex sellem lill-morda kollha ta' Malta u Għawdex, u waqt li weġħedhom it-talb tiegħu, talabhom ukoll biex jitolbu għalih ħalli hekk huwa jkun jista' jwettaq dak kollu li għalih għażlu l-Mulej. ♦

**MONSENOR JOSE BONELLO, OFM**
**DIOCESIS DE JUTICALPA**

PATIENTIA OMNIA POTEST

17 ta' Marzu 2011

Rettur Santwarju Madonna ta' Pinu

Għarb – Għawdex

Għażiż Fr. Gerald,

Il-Mulej jagħtikom is-sliem!

Minn qalbi nrodd ħajr lilek, lil ħuti s-saċerdoti l-oħra, lill-kollaboraturi kollha tiegħek u lill-aħwa kollha tal-komunita' li tinġabar fis-Santwarju Marjan, li Alla afdalek f'idejk, għal dak kollu li għamiltu magħna u għalina fil-jiem taċ-ċelebrazzjonijiet ta' radd il-ħajr l' Alla għad-don ta' l-Episkopat, li ta lill-Knisja fil-persuna tiegħi, ħukom mingħajr ma jistħoqqli.

Kienu mumenti sbieħ li mhux biss għext u apprezzjat, imma wkoll nibqa' niftakar.

Grazzi minn qalbi għat-tifkiriet sbieħ li se nieħu miegħi u nibqa' napprezza u għotijiet oħra li rċevejt f'isem il-familja ġdida li Alla tani, il-Knisja pellegrina ta' Olancho.

Filwaqt li, bħala isqof, nitlob fuqkom il-barka t' Alla, nibqa' dejjem inqisni bħala ħukom iż-żgħir, imma issa li iżjed għadni bżonn l-appoġġ u l-imħabba tagħhkom u fuq kollox talbkom, biex dak li beda fina Alla jgħenna nkompluh b'fedelta u mħabba sa' l-aħħar.

+ Joe Bonello ofm

Mons. Joe Bonello O.F.M.

Apartado No. 2
Juticalpa, Olancho 16101
Honduras, C.A.



# Talba ta' Affidament tal-Isqof Joe Bonello ofm




## *6 ta' Marzu 2011*

**Imqaddsa Verġni Marija,**
ġejt mill-bogħod f'dan
is-Santwarju tiegħek Ta' Pinu.
Hekk kont nagħmel meta kont tifel
ċkejken, ta' spiss kont niġi ħdejk
Nirringrazzjak u nitolbok tkun miegħi
għaliex inti l-Omm għażiża tiegħi.

Min qalbi ngħidlek **"Grazzi MA"**
għaliex tul dawn il-21 sena fil-missjoni
inti qatt ma ħallejtni waħdi,
kont miegħi u ma' ħuti l-foqra tal-Honduras
u f'kull mument żammejt fuqna l-ħarsa materna tiegħek.

**O Marija,** ismek ifisser "maħbuba u magħżula tal-Mulej''
inti taf kif il-Mulej xeħet ħarstu fuqi,
ħabbni u għażilni biex ngħix għalih.
Ilum ġejt għandek o Maħbuba ta' Alla, nitolbok tgħinni,
biex mill-ġdid miegħek inġedded l-"IVA'' tiegħi
fil-bidu ta' din il-missjoni l-ġdida li HU għażilni biex inwettaq.

**Xebha ta' Nażaret,** meta nħares lejk,
nintebaħ li l-Mulej jagħżel dejjem liċ-ċkejknin,
lil dawk li ma humiex imħarġa
biex hu bil-grazzja u bid-Doni tal-Ispirtu tiegħu
jħarriġhom, imexxihom u jqaddishom.
Quddiem din il-Mħabba Divina, miegħek u bħalek
nitfa' ħarsti fuqU u b'fiduċja ngħidlu:
"Ħawn jien qaddej tiegħek, ħa jsir fija dak li trid int''.



**Omm ir-Ragħaj it-Tajjeb**
Ibnek, mingħajr ma naf għaliex,
għoġbu jafda fil-kura pastorali tiegħi parti mill-merħla tiegħu.

**Qaddejja t'Alla** ħarriġni int
biex bħalek naqdi u nservi l-merħla għażiża tiegħu,
żomni taħt il-mant tiegħek biex għal din il-merħla
jiena nagħraf nagħti lili nnifsi kif inti tagħmel
Int li int **Omm u Xbieha ħajja tal-Knisja**.

**L-Ewwel Dixxiplu tal-Mulej,**
ħarriġni fis-smiegħ tal-Kelma,
**Int Ħienja** għaliex emmint kull ma' bagħat jgħidlek il-Mulej.
Ħa tkun għalija l-Kelma ta' Ibnek
t-Triq li fuqha nimxi u mmexxi
l-merħla fid-Djoċesi ta' Juticalpa ġewwa l-Honduras.



**Madonna Ta' Pinu Sultana tal-Familja**
żomm ħarstek fuq il-familji kollha tagħna,
ħarishom minn kull deni u għinnhom jibqgħu fis-sod
meta tuqhom jaħbtu l-irwieħen u l-imwieġ tal-ħajja,
ħa jsibu fi kliem Ibnek, l-ankra tas-salvazzjoni.

**Sieħba tal-Feddej**, li waqaft taħt is-Salib
flimkien ma' Kristu Msallab ngħidlek:
**"Ara ibnek, l-isqof patri Joe" huwa tiegħek.**
**Ġesu` afdah f'idejk.**
**B'sentimenti ta' ringrazzjament u ta' fiduċja,**
**nafda illum f'idejk il-ministeru episkopali tiegħi;**
**kompli kun għalija Omm, Għalliema u Gwida**
**fil-mixja tagħna lkoll lejn is-Sema pajjiżna.**

**AMEN**



# Mill-Ħajja tas-Santwarju




miġbura minn
**Ivan Attard**

## Jannar 2011

**It-Tlieta, 4:** Saret Ċelebrazzjoni ta' ringrazzjament lil Alla f'għeluq il-75 sena ta' Charles Attard. Preżenti għal din il-Quddiesa kien hemm il-familjari tiegħu li rringrazzjaw lil Alla u lill-Madonna Ta' Pinu għal dak kollu l-Mulej ipprovdielhom matul ħajjithom. Mexxa l-Quddiesa r-Rettur Dun Gerard Buhagiar.

**Il-Ġimgħa, 7:** Saret Quddiesa ta' radd il-ħajr u ta' interċessjoni għas-Salesjani kollha.

**L-Erbgħa, 12:** Dun Alfred Farrugia mexxa Quddiesa ta' Radd il-Ħajr lil Alla fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu fl-okkażjoni tal-Ġublew tal-Fidda mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu li saret fit-12 ta' Jannar, 1986.

**Is-Sibt, 15:** Ġie amministrat is-Sagrament tal-Magħmudija lit-tarbija Claudia Muscat, bint il-koppja Marvic u Lisa Muscat.

**Il-Ħamis, 20:** Saret żjara importanti lis-Santwarju mill-Professur Giovanni Morello, wieħed mid-Diretturi tal-*Musei Vaticani*. Huwa ġie mdawwar mal-kumpless kollu tas-Santwarju mir-Rettur Dun Gerard Buhagiar u mis-Sur Paul Curmi. Ir-Rettur spjega fil-qosor f'hiex ser ikun jikkonsisti l-proġett kollu tas-Santwarju li jinkludi mużew u r-restawr ta' Dar



Karmni Grima. Għar-restawr tad-Dar ta' Karmni Grima, is-Santwarju rċieva fondi speċjali mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF). Il-Profs. Morello stqarr li huwa lest li jgħin fil-proġettazzjoni tal-mużew tas-Santwarju permezz tal-pariri u l-esperjenza tiegħu. Din iż-żjara kienet possibli bil-għajnuna u l-ħidma ta' Fr. Charles Cini, SDB.



**Is-Sibt, 22:** Fil-Quddiesa tas-6.30pm saret it-Tifkira popolari tat-Tieġ tal-Madonna. Il-Quddiesa tmexxiet mir-Rettur Dun Gerard Buhagiar bis-sehem tal-Kor *Nativitas* akkumpanjat fuq l-orgni minn Ivan Attard. Fl-omelija tiegħu, ir-Rettur ħa spunt minn din il-festa biex jitkellem dwar il-valur tas-Sagrament taż-Żwieġ. Fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni saret it-Talba ta' Affidament tal-familji Maltin u Għawdxin lill-Madonna Ta' Pinu.

**Is-Sibt, 29:** L-E.T. Mons. Maurice Makumba, l-Isqof tad-Djoċesi ta' Makuru fil-Kenja, żar is-Santwarju tal-Madonna, u kien akkumpanjat minn Mons. George Grima, fundatur tal-Moviment 'Ġesuì fil-Proxxmu', moviment li jmexxi bosta djar għal tfal orfni fil-Kenja. L-Isqof Makumba iċċelebra Quddiesa fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu b'talb speċjali għall-evanġelizazzjoni tal-popli.



**Il-Ħadd, 30:** Saret Quddiesa ta' Radd il-Ħajr għal grazzja maqlugħa b'radd il-ħajr mill-familja Vella (Żebbuġ Għawdex). Iċ-ċelebrant kien l-Arċipriet Kan. Dun Reuben Micallef.

*Pellegrinaġġi:*

**L-Erbgħa, 5:** Pellegrinaġġ mill-Moviment Ewkaristiku tal-Parroċċa tax-Xewkija. Mexxa Dun Ġwann Mizzi.

**L-Erbgħa, 19:** Pellegrinaġġ mill-Grupp tal-Azzjoni Kattolika (fergħa nisa). Mexxa Mons. Girgor Grech.

**Il-Ġimgħa, 21:** Grupp ta' saċerdoti żgħażagħ minn Malta organizzaw pellegrinaġġ lejn is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu u ċċelebraw Quddiesa f'għeluq l-irtir annwali tagħhom li tmexxa minn Dun Frans Abdilla, Delegat ġdid tal-Kleru.



## Frar 2011

**Is-Sibt, 5:** Fl-okkażjoni tal-Festa tal-Preżentazzjoni ta' Ġesu' fit-tempju (il-Kandlora), saret





iċ-ċelebrazzjoni annwali tal-preżentazzjoni tat-trabi organizzata mill-Azzjoni Kattolika ta' Għawdex. Ippresieda din iċ-ċelebrazzjoni, l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech.

Mons. Isqof waqt li saħaq fuq is-sbuħija tal-valuri nsara, huwa stieden lill-familji preżenti biex iżommu quddiem għajnejhom il-familja ta' Nażaret bħala mudell għall-familji tagħhom. Fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni huwa kellu l-okkażjoni li jiltaqa' ma' kull familja.

**L-Erbgħa, 9:** Saret ċelebrazzjoni ta' ringrazzjament lil Alla mill-familja Portelli.

**Il-Ħamis, 10:** SolennitaÏ tan-Nawfraġju tal-Appostlu Missierna San Pawl. Ġie amministrat is-Sagrament tal-Magħmudija lil Larissa Schembri mill-Parroċċa ta' Kristu Re f'Raħal Ġdid. Mexxa ċ-ċelebrazzjoni l-Kan. Dun Ġwann Bartolo.

**Is-Sibt, 12:** Ġie amministrat is-Sagrament tal-Magħmudija lil Shayanne Bonnici. Ippresieda l-W.R. Dun Anton Theuma.

**Il-Ġimgħa, 18:** Saret Quddiesa ta' ringrazzjament mill-familja Grech, residenti fil-Parroċċa ta' Kerċem. Iċ-ċelebrant kien ir-Rettur Dun Gerard Buhagiar.

Fl-istess jum, tħabbret il-mewt tal-W.R. Dun Anton Spiteri mill-Parroċċa ta' Sannat li għal diversi snin kien jagħti s-servizz regolari ta' konfessur fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu. Il-Quddiesa tas-6.30pm tas-Sibt 19 ta' Frar ġiet iċċelebrata b'suffraġju għal ruħu. Ir-Rettur Dun Gerard Buhagiar flimkien mas-saċerdoti li jaqdu fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu kienu preżenti għall-funeral tiegħu li sar nhar it-Tlieta, 22 ta' Frar fil-Knisja Matriċi ta' Santa Margerita V.M. (Sannat).

**Is-Sibt, 20:** Fr. John Muscat iċċelebra Quddiesa b'suffraġju għal ruħ Rożanna Cauchi fl-anniversarju tal-mewt riċenti tagħha. Preżenti għal din l-Ewkaristija kien hemm il-familjari tagħha.

**Il-Ħadd, 27:** Ġie amministrat is-Sagrament tal-Magħmudija minn Mons. Isqof Mario Grech lit-tarbija Carla Schembri, bint Georgina u Simon Peter Schembri mill-Parroċċa tal-Viżitazzjoni fl-Għarb.

*Pellegrinaġġi*:

**L-Erbgħa, 2**: Pellegrinaġġ mill-Parroċċa tal-Madonna ta' Loreto f'Għajnsielem fl-okkażjoni tal-ewwel Erbgħa tax-xahar.

**Is-Sibt, 12:** Żjara lis-Santwarju minn grupp ta' seminaristi u animaturi minn Malta.

**It-Tlieta, 22:** Żjara lis-Santwarju minn grupp ta' pellegrini Taljani.

**Il-Ħadd, 27:** Dun Charles Abela mexxa pellegrinaġġ lejn is- Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu għall-Grupp 'Dar Pirotta'.

## Marzu 2011



**Il-Ħadd, 6:** Saret żjara lis-Santwarju mill-E.T. Mons. Isqof Joe Bonello OFM fl-okkażjoni tal-Konsagrazzjoni Episkopali tiegħu bħala Isqof koadjutur tad-Djoċesi ta' Juticalpa (Honduras). Fis-6.00pm, Mons. Isqof Joe Bonello mexxa ċ-ċelebrazzjoni tar-Rużarju Mqaddes fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu fejn poġġa l-Ministeru Episkopali tiegħu f'riġlejn il-Verġni Mbierka. Fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni, il-W.R. Dun Gerard Buhagiar, Rettur tas-Santwarju, ippreżentalu xbieha tal-Madonna Ta' Pinu. L-Isqof Bonello stqarr li din ix-xbieha ser issib post prominenti fil-kappella privata tiegħu fil-Honduras. Wara, dawk preżenti kellhom l-opportunita' li jiltaqgħu ma' Mons. Bonello fis-sagristija tas-Santwarju.

**It-Tnejn, 7:** Fr. Paul Attard OFM iċċelebra Quddiesa ta' ringrazzjament lil Alla fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu fl-okkażjoni tas-26 anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu. Fr. Attard talab għall-bżonnijiet tal-Isqof Mons. Joe Bonello u biex tissolva s-sitwazzjoni prekarja fil-Libja.

Fl-istess jum, is-saċerdot Taljan Don Antonio Cascorre iċċelebra Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-Kappella tal-Madonna.



**L-Erbgħa, 9:** Il-Knisja Universali tat bidu għaż-Żmien Penitenzjali tar-Randan. Kull nhar ta' Ħadd matul ir-Randan, ġiet iċċelebra l-*Via Sagra* fuq l-Għolja ta' Għammar. Ġew ukoll organizzati korsijiet ta' Eżerċizzi Spiritwali fis-Santwarju, li saru minn Patri Albert Micallef, ofm.

**Il-Ħamis, 17:** Saret Quddiesa ta' ringrazzjament lil Alla mill-W.R. Dun Ġorġ Vella flimkien ma' Mons. Luigi Vella f'għeluq il-50 sena tas-Saċerdozju tiegħu. Ħadu sehem grupp ta' nies mill-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesuī fil-Fontana.

**Il-Ġimgħa, 18:** Fil-Kappella tal-Madonna, ġie ċċelebrat is-Sagrament taż-Żwieġ bejn Paul Grech u Marlene Cassar mill-Parroċċa ta' Kerċem. Mexxa ċ-ċelebrazzjoni taż-Żwieġ Dun Gerard Buhagiar flimkien ma' Fr. A. Cilia S.J.

**Il-Ħamis, 24:** Saret Konċelebrazzjoni mmexxija minn Dun Ġorġ Vella fl-okkażjoni tal-Ġublew tad-Deheb mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu flimkien mal-komunita' parrokkjali taż-Żebbuġ Għawdex fejn għadda ħafna mill-ministeru presbiterali tiegħu.

**Is-Sibt, 26:** Il-familja Cordina raddet ħajr lil Alla għal grazzja maqlugħa bl-interċessjoni tal-Madonna Ta' Pinu. Mexxa ċ-ċelebrazzjoni Dun Michael Said, Amministratur Parrokkjali tal-Parroċċa ta' San Pawl (Munxar).

**It-Tlieta, 29:** Ġiet iċċelebrata Quddiesa minn Dun Charles Vella, fundatur tal-Moviment ta' Kana, b'talb speċjali għall-ħtiġijiet tal-familji Maltin u Għawdxin.

*Pellegrinaġġi:*

**L-Erbgħa, 2:** Pellegrinaġġ mill-Parroċċa tal-Madonna ta' Loreto f'Għajnsielem fl-okkażjoni tal-ewwel Erbgħa tax-xahar.

**Is-Sibt, 12:** Grupp ta' parruċċani mill-Parroċċa ta' San Lawrenz fil-Birgu għamlu żjara lis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu waqt mument ta' mistrieħ f'Għawdex.

**L-Erbgħa, 16:** Grupp ta' 47 persuna mill-Parroċċa tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar għamlu żjara lis-Santwarju.

**Il-Ħamis, 17:** Żjara lis-Santwarju minn grupp ta' pellegrini Franċiżi.

**Is-Sibt, 19:** Solennitaĭ ta' San Ġużepp. Sar Pellegrinaġġ mill-Knisja ta' Ġesuĭ Nazzarenu fix-Xagħra b'talba ħerqana lil Alla għall-ħtiġijiet tal-familja Maltija. Ġiet iċċelebrata Quddiesa fil-Kappella tal-Madonna mill-W.R. Dun Anton Refalo Rapa, Rettur.

**Il-Ħadd, 20:** Sar pellegrinaġġ mill-Għaqda Mużikali 'Beland' taż-Żejtun Malta fil-ftuħ taċ-ċelebrazzjonijiet speċjali fl-okkażjoni ta' għeluq il-150 Anniversarju mit-twaqqif tal-istess Soċjeta'. Fil-11.15am ġiet iċċelebrata Quddiesa kantata li tmexxiet mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech bil-parteċipazzjoni tal-istess Banda taħt id-direzzjoni tas-Surmast Mro. Ray Sciberras.



Fl-istess jum, sar pellegrinaġġ penitenzjali tar-Randan mill-Parroċċa ta' Marija Assunta fiż Żebbuġ. Saret ukoll Quddiesa mmexxija mill Arċipriet il-Kan. Dun Reuben Micallef bis-sehem tal-poplu.

**It-Tlieta, 29:** Sar pellegrinaġġ penitenzjali tar-Randan organizzat mit-Terz'Ordni Franġiskan tal-Parroċċa ta' Marija Reġina fil-Marsa. Pellegrinaġġ ieħor ġie organizzat mill-anzjani tal-Parroċċa ta' Santa Venera immexxi minn Patri Robert Farrugia O.Carm.

**Il-Ħamis, 31:** Pellegrinaġġ minn grupp ta' residenti mill-Parroċċa ta' Santa Venera b'radd il-ħajr lil Alla u lill-Madonna Ta' Pinu u b'talb speċjali għall-familji kollha. Mexxa l-Kappillan Dun Alex Camilleri.




# L-Għanja tal-Qaddejja

## (It 12-il Parti)

*Mill-ktieb ta' Bernard Häring, maqlub għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

### "Mela bil-ġid lil min hu bil-ġuħ"

"Qum! Ħa jiddi wiċċek! Id-dawl tiegħek wasal! Jiddi fuqek sebħ il-Mulej! Il-ġnus għad jimxu fid-dawl tiegħek, u s-slaten fid-dija ta' sbiħek. Għolli u dawwar għajnejk madwarek u ara: ilkoll miġbura ġejjin għandek. Uliedek ġejjin mill-bogħod, u bnietek iġorruhom fuq id-dirgħajn. Imbagħad tħares u wiċċek jiddi, u tħabbat u timtela qalbek. Ma tinżilx aktar ix-xemx għalik u lanqas jgħib il-qamar, għax il-Mulej ikun id-dawl tiegħek għal dejjem u jintemmu l-jiem tal-vistu tiegħek. Kulħadd ikun ġust fil-poplu tiegħek; l-iżgħar fostkom isir tribù u l-iċken isir ġens qawwi. Jien il-Mulej, li nfittex nagħmel dan kollu f'waqtu" (Is 60: 1-21).

Il-*Magnificat* hu għanja ta' ferħ u gratitudni għall-kobor tal-grazzja u l-fedeltà ta' Alla li dehru fl-era messjanika. Hu jwieġeb għall-ġuħ u l-għatx ta' l-umanità għall-ġustizzja u l-fidwa li hu qajjem bl-ispirtu tiegħu. Madankollu dawk li jiftaħru fil-poter tagħhom u fir-rabta tagħhom ma' l-għana tagħhom ma jistgħux jagħrfu lill-Qaddej ta' Alla, u minħabba f'dan imorru lura b'idhom f'idhom. Hawn mill-ġdid il-*Magnificat* jidher qrib tassew tal-formulazzjoni tal-Beatitudnijiet: "Henjin dawk li huma bil-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja, għax huma jkunu mxebbgħin" (Mt 5:6). Marija hi, b'dak kollu li hi, fl-għanja ta' ħajjitha, l-għalliema l-kbira tal-gratwità tal-fidwa. Huma biss dawk li jagħtu ġieħ lil Alla bħala Alla u jroddulu ħajr għal kollox li jistgħu jirċievu l-grazzja tiegħu. Ma' Marija aħna nistqarru l-fidi tagħna: "Nemmnu fl-Ispirtu s-Santu, dak li jagħti l-ħajja". Alla, fil-ħelsien u l-imħabba l-aktar abbundanti tiegħu, irid jaqsam mal-ħlejjaq tiegħu l-ferħ, it-tjieba u l-għerf tiegħu. Imma Alla hu qaddis. Ma jistax jagħti lilu nnifsu lil dawk li huma arroganti għax lil Alla jqiegħduh 'l isfel mill-għan primarju ta' ħajjithom. Marija tfaħħar lil Alla b'ħajjitha kollha. L-ispirtu tagħha hu mimli bil-gratitudni, u hi mimlija bil-grazzja. Fl-umiltà u r-radd ta' ħajr tagħha, hi l-prototip tal Knisja li, bil-missjoni tagħha u permezz tal-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, hi mġewħa u għatxana li Alla jissebbaħ mill-bnedmin kollha u li lkoll iduqu l-fidwa. Imma Marija, is-sultana tal-profeti kollha, twissina kontra l-vojt u l-frustrazzjoni terribbli ta' dawk li m'għandhomx gratitudni. Fejn m'hemmx gratitudni, id-don jintilef. Alla, kollu kemm hu qaddis, ma jistax jaqsam lilu nnifsu ma' dawk li ma jridux jagħtuh ġieħ u jgħannu t-tifħir tiegħu ma' Marija. Għalhekk



Marija tmexxina mill-ġdid lejn għarfien profond ta' l-ewwel beatitudni fundamentali, dik tal-foqra li jersqu quddiem Alla waqt li jifhmu għal kollox li kollox hu don tiegħu u għalhekk għandna nithennew, u naqsmu ma' xulxin id-doni ta' Alla u l-Missier waħdieni tagħna. Qabilna hemm Kristu li, għalkemm kien għani fuq li għani, sar fqir, biex fih aħna nistgħu nieħdu sehem mill-għana ta' Alla. U għax ċekken lilu nnifsu fil-ġuħ u l-għatx kbar tiegħu li jagħmilna għonja, il-Missier sebbaħlu ismu; hu tah l-isem li hu fuq kull isem.

Aħna msejħin għal xejn inqas mill-qdusija. Permezz tal-fidi u l-Magħmudija tagħna aħna ħolqien ġdid. Nistgħu ngħixu f'għaqda ma' Kristu. Imma għal dan kollu hu meħtieġ żgur it-talb ma jaqta' xejn li bih l-Ispirtu s-Santu jqajjem fina xewqa dejjem ikbar għall-milja tal-qdusija; xewqa li ngħixu ma' Marija fid-dixxipulat ta' l-umiltà u s-safa tal-qalb li għandu Kristu, skond dak id-don tal-ġustifikazzjoni li rċivejna minn għand Alla bla ma jixirqilna.

*Aħna rroddulek ħajr,*
*Alla li tista' kollox u mimli ħniena,*
*li għall-fidwa tagħna*
*bgħattilna l-Kelma eterna tiegħek*
*biex issir bħalna f'kollox*
*minbarra fid-dnub.*
*Bi grazzja kbira int dawwart wiċċek*
*fuq dawk li ġġewħu u tahom l-għatx*
*biex iweġġħuk,*
*biex iħobbuk,*
*u biex jgħannu t-tifħir ta' Ismek.*
*Infaħħruk għax urejt l-għerf,*
*is-setgħa u l-glorja kollha tiegħek*
*fil-Qaddej tiegħek, Ġesù Kristu,*
*u wkoll għax urejt il-grazzja tiegħek*
*fil-qaddejja umli tiegħek, Marija.*
*Aħna nitolbu f'ismu, l-isem ta' dak*
*li hu l-Qaddej tiegħek,*
*id-don ta' l-umiltà u l-gratitudni,*
*biex nistgħu nifthu qlubna*
*għat-tjieba tiegħek*
*u għall-għana ta' mħabbtek.*
*Eħlisna mill-egoiżmu tagħna nfusna,*
*mill-bniedem il-qadim*
*li ħsiebu biss fih innifsu,*
*imkabbar u għal kollox vojt.*
*Saffina bin-nar ta' mħabbtek*
*biex it-tbatijiet u d-diffikultajiet*
*ta' ħajjitna*
*jsiru għalina mixja*
*li fiha nitgħallmu nkunu*
*bil-ġuħ u bil-għatx biss*
*għall-ġustizzja tiegħek li tifdi.*

*O Marija, mimlija bil-grazzja,*
*f'qalbek il-ġuħ u l-għatx ta' Israel*
*u ta' l-umanità kollha*
*għall-fidwa sabu l-milja tagħhom.*
*Għalhekk int l-imbierka*
*li daqet il-fidwa.*
*Itlob għalina biex fl-umiltà,*
*il-gratitudni*
*u l-ġuħ u l-għatx għall-ġustizzja*
*feddejja ta' Alla,*
*aħna nistgħu nitħejjew għall-grazzja*
*hekk mixtieqa*
*ta' ħajja qaddisa.*
*Amen.* ♦




**Għawdex:** Abela Stephania, Agius Ċensa, Agius Marisa, Aquilina Stella, Attard Donald, Attard Victoria, Azzopardi Ġużeppa, Azzopardi Antonia, Azzopardi Antonia, Azzopardi Maria, Bajada Carmel, Bajada Pawlu, Bezzina Clementina, Bezzina Felicisma, Bugeja Carmel, Bugeja Rożina, Buttigieg Ġuża, Buttigieg Żakkarija, Buttigieg Carmen, Buttigieg Nena, Buttigieg Publius, Buttigieg Victor, Camilleri Carmen, Camilleri Rita, Carrington Charlotte, Caruana Familja, Caruana Marija, Cassar Frances, Cassar Karmnu, Cassar Lorna, Cassar Marie Josette, Cauchi Eugenjio, Cauchi Leonarda, Cauchi Rosanne, Cefai Nancy, Cefai Salvina, Cini Mary, Cordina Mario, Costa Carmen, Day Mrs., Debattisa Christopher, Debrincat Carmel, Debrincat Joe, Debrincat Karista, Debrincat Marija, Falzon Lina, Farrugia Carmen, Farrugia Geogia, Galea Salvino, Garcia Rita, Gatt Joseph, Gatt Ronnie, Grech Jacqueline, Grech Peter Paul, Grima Frank, Grima Marita, Grima Nina, Haber Salvu, Meilaq Pawla, Mercieca Victoria, Micallef Emanuel, Mifsud Josette, Mintoff Angela, Mizzi Carmen, Muscat Ġemma, Muscat Carmen, Muscat David, Muscat Fr. John, Muscat Frans, Muscat Marvic, Parnis Grace, Portelli Angelo, Portelli Frank, Portelli Jane, Portelli Marija, Portelli Nata, Rapa Karmena, Said Ġużeppa, Saliba Maryanne, Sammut Ġużepp, Sciberras Frans, Sciberras Salvina, Spiteri Jane, Sultana Ġina, Sultana Jane, Tabone Anna, Tabone Frank, Tabone Michael, Tabone Rita, Tabone Rosina, Theuma Familja, Vella Ġuża, Vella Familja, Vella Joelyn, Vella Joseph, Vella Melania, Vella Rita, Xerri Amanda, Xiberras John, Xuereb Ġanni, Xuereb Ġiovanna, Xuereb Żarenu, Xuereb Charlie, Xuereb George, Xuereb Joe, Zammit Damian, Zammit Karmena, Charlon, Evelyn.

**Malta:** Abela Anthony, Abela David, Abela Joseph Abela Rose, Agius Carmelo, Agius Charlie, Apap Mary, Attard Dorothy, Attard George, Attard Mrs., Axiaq Ġużepp, Azzopardi Connie, Baldacchino Ansel, Bartolo Deborah, Bayona Tania, Bellotti Ryan, Bezzina Familja, Bonello Frances, Bonello Mary Rose, Bonnici Jeanette, Bonnici Pawlu, Borg Antoinette, Borg Josette, Borg Mary, Borg Mary Grace, Borg Miriam, Borg Rita, Briffa Lyden, Brincat Nathalie, Bugeja George, Bugeja Ray, Busuttil Chris, Calleja Bernardette, Calleja Felicia, Camilleri Ġuża, Camilleri Cherylise, Camilleri Gracie, Camilleri Mary, Camilleri Paul, Caruana Christian, Caruana Grace, Caruana Sarah, Cascun Felix, Cascun Tereża, Cascun Tessie, Casha Ġenerosa, Casha Josephine, Cauchi Carmelo, Chircop Carmel, Cinji Karen, Collict Familja, Cordina Gertrude, Cremona Angela, Falzon Sam, Farrugia Adrian, Farrugia Margaret, Farrugia Vicky, Fenech Carmen, Fenech George, Gafa Antoinette, Galea Rita, Gauci Jessica, Gauci Mario, Gauci Vicky, Grech Adrian, Grech Gaetano, Grech Grace, Grech Maria Dolores, Grech Rita, Grima Bridget, Kein Abela Familja, Leary Jonathan, Lewis Maria, Magro Celine, Mallia Nathalie, Mangion Charlie, McKay Tania, Micallef Louis, Mifcallef Alfred, Mifsud Anna, Mifsud Familja, Mifsud Sharon,n Muscat C., Muscat Marianne, Muscat Marthese, Pace Roxanne, Penza Edmond, Pisani Maria, Piscopo Julie, Portelli Marija, Puli Mary, Said Rosalie, Sammut Carmel, Sammut Rita, Schembri Lorna, Scicluna Gabriel, Spiteri Luċija, Stivala Adrian, Sultana Marianne, Sultana Maryanne, Tabone

(Ikompli f'paġna 40)



# Preżentazzjoni tat-Trabi lill-Madonna Ta' Pinu

miġbura minn Edward Depasquale

## Jannar - Marzu 2011

**Għawdex:** Abela Francesco, Agius Edward Salv, Agius Elise, Agius Larissa, Agius Mariah, Agius Mariana, Agius Matthias, Asturias Kian John, Attard Andre Joe, Attard David, Attard Frank Paul, Attard Hayley, Attard Jasmine Victoria, Attard Jean Mikel, Attard Jeremy Attard John, Attard Kaylee Attard Kyle, Attard Thea, Axiaq Nicole, Azzopardi Isaac Azzopardi Jake, Bajada Jana, Bakri Maya, Borg Angele Borg Celine, Borg Tamara, Bouvieer Jacques, Brown Chloe, Bugeja Jurgen, Buhagiar Kristina, Buttigieg Isaac, Buttigieg Neil, Buttigieg Thea, Calleja Mireille, Camilleri Eman George, Camilleri Layshia Rose, Camilleri Leah, Camilleri Moran, Camilleri Nicole, Cardona Charlise Cardona Shaldon, Cassar Annalise, Cauchi Carlos, Cauchi Justin, Cauchi Luca, Cauchi Melody, Cauchi Owen, Cauchi Shaylee, Cauchi Warren, Cefai Jenny, Cilia Peter Paul, Cini Mathion, Cini Samaya, Cordina Dan, Curmi Carlos, Curmi Samiah, Cutajar Francesca, Falzon Christina, Farrugia Kevin, Farrugia Kimberly, Farrugia Luca, Fava Thea Anne, Galea Aiden, Galea Kieran Joe, Grech Naomi Marie Grech Wayne, Grima Kayka, Hili Adrian, Hili Jerome, Lautier Karla, Magro Amber Anne, Mercieca Chris, Mercieca Jean, Mercieca Kayleen Mercieca Neil, Micallef Rosemary, Mifsud Ilona, Mifsud Krista, Mizzi Loren, Mizzi Renessa, Muscat Borg Kayla, Muscat Kyle, Muscat Manuel, Muscat Norah, Pace Ethan, Pisani Rihanna, Portelli Elena, Portelli Joseph, Portelli Joslyn, Portelli Shaniah, Rapa Michela, Refalo Elano, Refalo Justin, Renee' Paula, Rotin Kristof, Said Jana, Said Melanie, Said Neil, Said Tristan, Saliba Isaac, Schembri Carla, Sciberras Blake, Scicluna Gilbert, Spiteri Kimberly Marie, Spiteri Melissa, Spiteri Svea, Stellini Marjohn, Sultana Kurt, Sultana Liam, Sultana Martha, Sultana Rachel, Theuma Scerri Kurt, Tabone Lucas, Tabone Sam, Tabone Thea, Vella David, Vella Elena Marie, Vella Elisa, Vella Estelle, Vella George Lee, Vella Iżak, Vella Keeva, Vella Maria, Vella Mattia, Vella Owen, Xerri Anneka, Xerri Jamie, Xerri Nina, Xiberras Zack, Xuereb Amy, Xuereb Shirley, Xuereb Talitha, Zammit Jayden, Zammit Kristina, Zammit Ylenia, Zerafa Leah.

**Malta:** Abdilla Mattea, Abela Nathan, Axiaq Anatia, Azzopardi Enya Bonello Kylie, Bonnici Gauci Kaden, Bonnici Gauci Kathleen, Bonnici Maria Chanelle, Borg Bernard, Buhagiar Mariah, Buttigieg Alaia, Camilleri Karolyn Katerina, Camilleri Keira, Camilleri Kylie, Camilleri Testa Yasmine, Carabott Kendra, Caruan Bryden, Cassar Kaylee, Cauchi Clielle, Chetcuti Cauchi Benjamin, Cilia Christina Marie, Cilia Giorgio Miguel, Dalli Julia Marie, Farrugia Aidan, Farrugia Cassidy, Farugia Kayden, Formosa Leah M, Grech Mallia Jacob, Grixti Julia, Lauers Kelian, Lauwers Damien, Magro Neil, Mila Grima Rita, Pillow Jamie, Saliba Julian, Sammut Zayne, Sapiano Shaylon, Sultana Klyie, Vella Jaden, Vella Julia, Zahra Cassidy, Zahra Martina.

---

(ikompli minn paġna 39)

## Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema

Michaelina, Tanti Carmen, Theuma Marija, Vassallo Doris, Zammit Mary, Jessica & Neville, Mary Grace.

**Amerika:** Camilleri Jessie & Emmanuel, Curmi Tony, Mifsud John, Sultana George.

**Asia:** Hariu Chiaki.

**Awstralja:** Attard Agnes, Buttigieg Joe, Cordina Maria, Grech Aris, Hili Frank, Mercieca Roża, Spiteri Leli, Xuereb Carmel.

**Ewropa:** Busuttil C., Ditton Family, Grima Familja, Keegan Familja, Sabrina.

# Fondi Ewropej għar-restawr fil-Mużew Dar Karmni Grima f'Ta' Pinu

Is-Santwarju Nazzjonali Ta' Pinu akkwista finanzjament ta' •400,000 mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF) biex jirrestawra u jiftaħ mill-ġdid il-Mużew Dar Karmni Grima bħala parti mill-proġett 'Niskopru Turiżmu Kulturali u Reliġjuż f'Għawdex'. Il-proġett jinvolvi wkoll ir-restawr ta' 12-il pittura, xogħol l-artist Malti Joseph Briffa.

Id-dettalji ngħataw waqt żjara mis-Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika Chris Said fejn intlaqa' mid-diriġenti tas-Santwarju Nazzjonali Ta' Pinu u ddawwar mal-Mużew. Oriġinarjament il-Mużew kien id-dar ta' Karmni Grima, xbejba mill-Għarb, li fis-seklu dsatax kellha dehriet tal-Madonna.

Is-Segretarju Parlamentari Chris Said qal li l-Gvern qed jgħin lil din l-Organizzazzjoni mhux Governattiva (NGO) billi permezz tal-Fond ta' Ko-Finanzjament għall-NGOs qed jipprovdi għajnuna finanzjarja li tkopri parti mill-15 fil-mija li suppost tipprovdi l-Fondazzjoni biex il-proġett ikun jista' jsir.

Ix-xogħol fuq il-Mużew jikkonsisti f'xogħol strutturali, l-istallazzjoni ta' sistemi ġodda ta' dwal, preżentazzjoni awdjo-viżiva tal-ħajja ta' Karmni Grima u l-messaġġ li rċeviet mingħand il-Madonna, l-istallazzjoni ta' lift biex ikun hemm aċċessibilita` għal kulħadd, u l-istallazzjoni ta' sistema li permezz tagħha jkun ġenerat l-elettriku bid-dawl tax-xemx.

Is-Segretarju Parlamentari Chris Said faħħar l-impenn tas-Santwarju Nazzjonali Ta' Pinu fit-twettiq ta' dan il-proġett għaliex permezz tiegħu se jsir investiment b'tali mod li l-mużew ikun attrezzat kif jitolbu l-ħtiġijiet ta' mużewijiet fid-dinja tal-lum. Hu tkellem ukoll dwar l-importanza li jkun attirat turiżmu reliġjuż lejn pajjiżna b'mod partikolari fil-gżira ta' Għawdex. It-turiżmu reliġjuż huwa qasam importanti ferm fl-industrija turistika u diversi siti reliġjużi jgħinu mhux ftit lil dan is-settur fil-pajjiż fejn jinsabu. Huwa stmat li kull sena madwar 330 miljun pellegrin iżuru siti reliġjużi madwar id-dinja.

Max-xogħlijiet li ser isiru fil-Mużew ser jiġu rrestawrati ukoll 12-il pittura ta' Joseph Briffa li jinsabu riprodotti fil-mużajk fis-Santwarju Ta' Pinu. Dan il-wirt artistiku, li kien sar bejn l-1948 u l-1952, juri 12-il episodju mill-ħajja tal-Madonna. Dan ser ikun it-tieni sett ta' arti ta' valur imprezzabli li s-Santwarju se jrodd lura bħala patrimonju nazzjonali biex ikun jista' jitgawda minn kulħadd wara li sentejn ilu tlesta r-restawr fuq il-pittura ta' Emvin Cremona. Ir-restawr tal-pittura ta' Joseph Briffa li diġa` beda, ġie fdat f'idejn Fr Charles Vella u Joanna Hili Micallef li għandhom l-esperjenza neċessarja biex jagħmlu dan ir-restawr li huwa neċessarju.

Ix-xogħol kollu, kemm fuq il-Mużew, kif ukoll fuq ir-restawr tal-arti, għandu jitlesta fi żmien sentejn.





Stqarrija għall-Istampa - DOI, 26/4/2011



Grazzi
Għeżież Benefatturi,
bl-għajnuna finanzjarja tagħkom tlesta l-proġett tar-restawr tat-twieqi kollha tal-koppla li sewa madwar €32,000.
Grazzi wkoll lil dawk kollha li taw l-għajnuna tagħhom biex dan ix-xogħol tlesta.
NEWSPAPER POST